Il-ħmistax-il sena Lulju-Settembru 1945. Għadd 173-175.

# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ
MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

ĠIEĦ IL DE SOLDANIS U 'L VASSALLI
MAGĦHOM DUN KARM U L-ĦADDIEMA KOLLHA TAL-MALTI.

X'FIH DAN IL-GĦADD

| | |
|---|---|
| *Editorjal* | Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., PH.D. (Lond.) |
| Kliem u Għidut it-Tfal | Ġ. Cassar Pullicino |
| Triq jew Trieq? | Prof. P. P. Saydon, B.LITT., B.L.CAN., D.D., LIC. S. SCRIPT. |
| Bejn Żewġ Universitajiet | |
| *Għanja* | R. Briffa, M.D., B.SC. |
| *Lura f'San Ġiljan* | Ġużè' V. Galea |
| *Lil E. B. Vella* | Dun Karm |
| *Għinni, Mulej!* | Anton Azzopardi |
| *Aesop, 1945* | E. Agius, B.SC., M.D., D.P.H. (L'pool), D.BACT. (Lond.) |
| *Il-Mewt taż-Żgħażagħ* | Marċell Mizzi |
| Tlieta Ħdejn Xulxin | A. Calleja, B.A. |
| Nixtieqek Tiegħi | Salvinu Tellus |
| Nisel il-Kliem | Prof. Ġ. Aquilina |
| Reċensjonijiet. | Ġ. C. P. |
| | G. C. |
| | K. Sant |

# Konkors Ta' Rumanzi Bil-Malti

## KITTIEBA TAL-MALTI!

### IDHLU GHALL-KONKORS IMNIEDI MILL-GVERN.

Dan li ġej deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Settembru, 1945:—

Il-Gvern għandu quddiemu l-ħtieġa li wieħed imexxi 'l quddiem il-progress tal-Letteratura Maltija u għalhekk qiegħed jagħmel konkors taħt il-kondizzjonijiet imsemmijin hawn taħt għall-aħjar Rumanzi miktubin bil-Malti, li għalihom jingħataw dawn il-premijiet:—

L-ewwel Premju: 50 ginea.
It-tieni Premju: 25 ginea.

u erba' premijiet għal dawk li jiġu wara t-tieni ta' 5 gineji l-wieħed.

Jekk fi premju l-konkorrenti jiġu daqsinsew il-premju jitqassam bejniethom.

**KONDIZZJONIJIET**

1. Ix-xogħol li jitressaq għall-Konkors għandu jkun Rumanz oriġinali u jrid ikollu mhux inqas minn 50,000 u lanqas iżjed minn 75,000 kelma. Ma jitqisux traduzzjonijiet jew imitazzjonijiet.

2. L-ortografija li tintuża għandha tkun dik tal-"Għaqda".

3. Ma jintlaqgħux manuskritti jekk ma jkunux miktubin bit-*typewriter* jew miktubin bil-pinna b'karattru ċar u li jinqara; iffirmati b'*nom de plume* ta' l-awtur flimkien ma' invilops issiġillat li fih ikun hemm l-identità tal-kittieb taħt in-*nom de plum*.

4. Il-manuskritti oriġinali ma jinbagħtux lura lill-awturi tagħhom wara l-konkors.

5. Il-Gvern iżomm għalih id-dritt tal-copyright tax-xogħlijiet li jieħdu l-ewwel u t-tieni premju. Jekk il-Gvern jiddeċiedi li jagħmel użu mid-dritt tiegħu li jippublika xogħol mibgħut għall-konkors jista' jġagħal lill-Awtur biex jikkoreġi l-provi.

6. Jista', madankollu, jingħata permess lill-kompetituri li jieħdu premju, skond xi kondizzjonijiet, li jippublikaw xogħolhom spejjeż tagħhom. Fl-ebda każ ma jingħata permess bħal dan matul l-ewwel tnax-il-xahar wara li joħroġ ir-rapport tal-Bord jew fil-kas li l-Gvern, matul l-istess żmien, ikun ta' għall-istampa xogħol li jkun daħal għall-konkors.

7. Il-manuskritti għandhom jaslu lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Messina House, Triq San Kristoforu, il-Belt, fi żmien tnax-il-xahar bil-kalendarju mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifikazzjoni.

8. Ix-xogħlijiet tal-kompetituri jkunu eżaminati minn Bord, li jin ħatar mill-Gvern, u d-deċiżjoni tiegħu tkun ta' l-aħħar. Il-premijiet li hemm għall-konkors jistgħu jinżammu kemm-il darba, fil-fehma tal-Bord, ir-Rumanzi li jinbagħtu ma jkunux laħqu l-grad ta' kitba meħtieġ.

9. Dawk li jissemmew b'tifħir mill-Bord ikunu ippublikati fl-ordni tal-mertu tagħhom, iżda ma jkunux milqugħin talbiet minn Awturi għal kritiki jew osservazzjonijiet oħra.

10. Tinbagħat irċevuta għax-xogħlijiet kollha li jitressqu għall-konkors, iżda ebda rċevuta bil-miktub jew xort'oħra tagħhom ma ssir sew qabel kemm wara li joħroġ ir-rapport tal-Bord.

11. Ma ssir ebda korrispondenza dwar id-deċiżjonijiet tal-Bord jew dwar ir-raġunijiet ta' dawk id-deċiżjonijiet.

# LEHEN IL-MALTI

MAHRUG mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

LULJU-SETTEMBRU, 1945 IL-HMISTAX-IL SENA Għadd 173-175.

## *L-UNIVERSITA'*

(*Editorjal tal*-PROF. Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., PH.D. [LOND.])

"......those who control universities must believe wholeheartedly that fundamental research is an essential feature of university life and that in the long run universities will be judged by the contributions which they make to fundamental knowledge." (*Asquith Report on Higher Education in the Colonies—1945*).

*X'INHI Università?" saqsa l-Kardinal Newman f'wieħed mill-artikoli tiegħu li kien kiteb fid-"Dublin Catholic University Gazette" xi 90 sena ilu. U "x'inhi Università?" inħossu li għandna nsaqsu aħna wkoll fil dawk li b'università jifhmu biss skola ogħla mil-Liċeo, bid-differenza li waqt li l-aħħar eżami tal-Liċeo jwasslek sal-Matrikola, l-aħħar eżami ta' l-Università jwasslek sal-professjoni. M'ilux, xi ħadd kiteb f'wieħed mill-ġurnali ta' Malta li l-Università qiegħda biex joħorġu minnha "tobba tajbin, avukati tajbin u qassisin tajbin". Imma x'jifhem bi professjonist tajjeb il-kittieb ma qalilniex, għalkemm, minn dak li wieħed seta' jifhem, "tajjeb" jitqies dak il-professjonist li jinqala' fix-xogħol tal-karriera tiegħu.*

*Qatt ma jgħaddilna minn rasna ngħidu li l-professjonisti ma għandhomx ikunu jinqalgħu fix-xogħol tagħhom materjali; imma mbarra l-ħila teknika, il-professjonisti għandhom jiksbu wkoll dak l-ambjent intellettwali li jagħmilhom, kif jixirqilhom, nies moħħom miftuħ għall-ġmiel ta' l-idejat u l-kobor ta' prinċipji.*

*Naqblu ħafna ma' dak li ntqal fir-rapport ta' l-"Asquith Commission (1945) li t-tagħlim ta' Università tajba għandu jgħaqqad flimkien il-ħila teknika jew materjali, ta' l-istudji, ma' l-edukazzjoni liberali li minnha joħroġ dak l-ambjent intellettwali fejn iseħħu u jikbru l-ħidmiet spiritwali tal-bniedem. L-edukaz-*

*zjoni liberali fiha nfisha hija ogħla mill-ħila teknika, il-għaliex, bħall-ħaddied li jrattab il-ħadida iebsa ġol-forġa, hija trattab il-karattru mqareb taż-żgħażagħ u tagħtihom dik il-għaġna u xeħta ta'—ġentlomi mnejn il-pajjiż jista' 'l quddiem ikollu l-mexxejja tiegħu. Tabilħaqq, jingħaddu kolonni taċ-ċiviltà mhux dawk il-qaddejja ta' Mammona li bil-ħila teknika tagħhom jagħmlu flus l-aktar, imma dawk li jagħtu ħilithom u, jekk jaħtieġ, ħajjithom għall-ġid ta' għajrhom. Jagħmlu ġieh lill-Università dawk li jin-qdew bil-għerf u bl-istudji mhux biex jistgħu jiftaħru kemm idaħ-ħlu liri kuljum imma kemm kellhom ħila jtaffu l-uġigħ, idewwu l-mard jonkella jeqirdu l-injuranza tas-soċjetà li jgħixu fiha. Imma biex isir dan jeħtieġ qabel xejn li l-karattru ta' l-istudenti jkun ġabar ġo fih l-influwenzi kollha ta' edukazzjoni liberali. Biex mit-teorija niġu għall-prattika nieħdu żewġ tobba. Dr. 'A' li jwie-ġeb għal kull sejħa ta' kull marid mingħajr ma joqgħod jara qabel jekk il-marid jista' jħallsu jew le; u Dr. 'B' li jiftiehem mal-paz-jent kemm sejjer jagħtih flus. X'jiswa li Dr. 'B' jkollu ħila tek-nika aktar minn ta' Dr. 'A'? L-Università ma jkollhiex biex tif-taħar bih. Dan it-tabib mhux ħlief wieħed min-negozjanti ta' Malta, u professjonista negozjant jara kollox mil-lenti tal-flus u tal-qligħ u jmaqdar dawk l-istudji liberali li ma jħallux qligħ u flus. U professjonisti neguzjanti, u xejn ħlief neguzjanti, ikollha bilfors dik l-Università fejn l-istudenti ma jitgħallmux iħobbu l-istudju għalih innifsu qabel kollox. Għaldaqshekk jeħtieġ li l-Università tipprovdi lill-istudent ambjent filosofiku biex hu jkun jista' jitgħallem mhux biss iħaddem il-professjoni għall-ħajja tie-għu imma jħaddimha wkoll biex jissodisfa dik il-liġi soċjali, jew etika, li torbot bniedem ma' ieħor, sengħa u professjoni ma' oħra, kollox f'għaqda waħda bħall-bċejjeċ ta' makkinarju li jkoll flim-kien jibnu Makna waħda, sabiħa u perfetta. Dil-makna hija s-soċjetà, u l-bċejjeċ tal-makkinarju huma aħna, kull wieħed bil-ħila tiegħu.*

*Ukoll il-moħħ tal-bniedem waħdu jwassal għal din il-kon-klużżjoni. Biżżejjed tkun pagan intelliġenti biex tifhem il-ħajja aħjar minn ħafna Insara tal-magħmudija biss. Ħafna huma dawk li l-ambjent filosofiku etiku tagħhom jagħmel għajb lit-tagħlim ta' Marcus Aurelius, l-Imperatur Ruman pagan li, fuq l-elf u disa' mitt sena ilu, ħalla miktub fil-"Meditazzjonijiet" tiegħu: "Bħalma t-tobba jżommu dejjem lesti l-għodda u s-skieken għal kull meta jkunu jeħtiġuhom għal għarrieda, hekk ukoll*

*inti għandek iżżomm il-prinċipji dejjem lesti biex tifhem il-ħwejjeġ t'Alla u tal-bniedem, u biex meta tagħmel xi ħaġa, żgħira kemm hi żgħira, iżżomm f'moħħok dik ir-rabta li tgħaqqad flimkien il-ħwejjeġ t'Alla u l-ħwejjeġ tal-bniedem. Għax qatt ma tkun tista' tagħmel xejn tajjeb li għandu x'jaqsam mal-bniedem jekk inti ma żżommx f'moħħok il-ħsieb t'Alla. U bil-maqlub."*

*Tidher għalhekk tassew kbira dik il-ħtieġa tal-formazzjoni tal-karattru ta' l-istudenti li għandhom jitħarrġu fl-użu ta' l-idejat u fl-apprezzamenti ta' kulturi filosofiċi u letterarji, l-aktar ta' dawk il-kalturi li bnew ir-ruħ ta' l-Ewropa nisranija. Jekk l-istudenti tagħna joħorġu għal dal-beraħ imnifsejhom jimtlew bil-fwejjaħ ta' ġonna li sa issa għadhom magħluqa għalihom. Huma jibdew jikxfu ward ġdid u mogħdijiet li ma jsibuhomx bejn il-paġni tat-testi li jistudjaw għall-eżamijiet biss. U bħalma l-ħaxix jħaddar u jikber bin-nida u x-xemx u r-riħ, hekk ukoll ruħ l-istudenti tikber u titwessa' taħt is-setgħat ta' l-influwenzi kulturali f'ambjent filosofiku Nisrani. Imma dan isir biss jekk kemm-il darba nibdew nisħqu fuq l-istudenti tagħna li l-flus fil-ħajja huma ħaġa wisq żgħira u li l-ħila teknika weħidha ma tingħażelx minn ħila teknika oħra ta' kull mekkaniku li wieħed jikseb barra mill-ħitan ta' l-Università. Għax kull sengħa għandha l-istudju u l-ħila teknika tagħha, sa s-sengħa tal-mastrudaxxa u ta' l-iskarpan. L-avukat m'għandux il-ħila teknika tal-bennej, it-tabib m'għandux il-ħila teknika ta' ħaddiem l-għamara, imma t-teknika tal-professjonist fiha nfisha ma tingħażilx mill-ħila teknika ta' ħaddiema ta' l-id oħra. U x'differenza hemm bejn il-ħila ta' tabib tajjeb fil-professjoni tiegħu u ta' mekkaniku li hu wkoll tajjeb fix-xogħol tiegħu jekk kemm-il darba l-professjonist ma jistax jiftaħar li mal-ħila teknika tal-professjoni wasal biex għaqqad il-ġid ta' edukazzjoni liberali li tiftaħlu qalbu u moħħu għall-iskopi u relazzjonijiet tal-ħajja fis-soċjeta?*

*Jagħmlu għalhekk ħażin dawk li ma jemmnux fil-koltura, jonkella jorbtu ma' ktieb jew tagħlim wieħed lill-istudenti flok jiftħulhom il-bibien kollha tal-għerf ħalli jaraw ix-xjenza mhux bħala ġabra ta' taqsimiet waħda m'għandhiex x'taqsam ma' l-oħra, imma bħala unità intellettwali, bħala ħafna friegħi herġin ilkoll minn zokk wieħed. Issa edukazzjoni liberali trid ta' bilfors tinbena fuq l-imħabba ta' l-istudju għalih innifsu, u dan l-istudju irid ikun iħaddan tagħlim xjentifiku u letterarju, storiku so-*

*ċjali f'ambjent ta' libertà intellettwali, awtonomija ta' ħidma akkademika li għandha turi l-frott tagħha fil-kitba u t-tiftix tal-għerf (research work).*

*Jekk xi ħadd iweġibna li Malta ċkejkna wisq għal dan ix-xogħol, u l-professjonist irid jaqla' x'jiekol, aħna nwieġbu minn naħa tagħna li edukazzjoni liberali ma tneħħix l-iskop utilitarju tal-professjoni, għalkemm, m'għandniex x'ingħidu, dan l-iskop huwa minnu nnifsu element barrani għaliha. Kif għedna fil-bidu, l-Università tagħna, bħalma jsir band'oħra, għandha tgħaqqad l-imħabba ta' l-istudju għalih innifsu, mal-bżonn li wieħed għandu jaqla' x'jiekol, u wisq aktar mal-ħtieġa li l-istudent jakkwista l-akbar ħila teknika fil-professjoni tiegħu, għall-ġid tan-nies.*

*Għaldaqshekk, ser nuri x'nifhem li għandu jsir biex l-Università tagħna żżid tgħaddi 'l quddiem fl-iskop utilitarju tal-korsijiet tagħha. L-aħjar Universitajiet kollha jinsistu fuq dak il-għoli ta' studju li nsejħulu "standard", u dan il-għoli ta' studju jqassmuh skond jekk hux studju passiv biss, jiġifieri studju li l-istudent jagħmel minn fuq il-kotba u minn għand il-professur, jonkella hux studju oriġinali jew attiv, jiġifieri studju li fih l-istudent jagħti xhieda tal-ħidma u tiftix li jkun għamel hu nnifsu, xhieda ta' dak ix-xogħol li jissejjaħ "research work". Fuq dan ix-xogħol jinbena l-aktar il-ġieħ u l-prestiġju akkademiku. Mingħajru l-Università tkun aktarx qisha xorta ta' Liċeo. Għaldaqshekk l-Universitajiet Ingliżi jagħżlu wkoll il-gradi akkademiċi f'"baċellerati" u "dottorati" u ma jħallux 'il dak li jkun jikseb dottorat qabel ma jkun kiseb il-baċellerat, kif ukoll anqas jikseb il-baċellerat fix-Xjenza, Letteratura jonkella tagħlim ieħor qabel ikun wera lill-awtoritajiet ta' l-Università li hu għandu koltura ġenerali biżżejjed biex jista' jaqbad studji akkademiċi għolja.*

*Fl-"Asquith Report" jingħad li l-Università ta' Londra beħsiebha tagħraf il-gradi akkademiċi kolonjali jekk kemm-il darba dawn l-Universitajiet kolonjali jerfgħu l-livell ta' l-istudji kemm imiss. Jekk dan isir f'Malta, il-gradi akkademiċi tagħna jkunu jiswew mhux biss għal dil-gżira ċkejkna imma għall-Imperu kollu, u dan ikun ta' ġid kbir għalina, l-aktar lit-tobba, li jkunu jridu jaħdmu barra bl-istess "status" ta' tobba Ingliżi. Dan mhux biss igħinna nilħqu l-iskop utilitarju, imma igħinna nerfgħu l-prestiġju akkademiku kif jixraq lill-Università tagħna bħala l-istituzzjoni ta' l-ogħla tagħlim fil-Gżejjer tagħna; kif ukoll bħala l-eqdem Università Kolonjali.*

*Aħna għandna ngħollu l-istudji tagħna l-ewwelnett għax hekk titlob il-missjoni ta' l-Università. U meta ngħollu l-istudji tagħha nkunu qegħdin ngħollu wkoll il-livell tal-karattru nazzjonali li bħalissa hu baxx wisq, billi, kif għedt qabel b'hekk noħolqu u nsaħħu ambjent ta' koltura u etika soċjali u nazzjonali. Tabilħaqq, bniedem mingħajr koltura, kien tabib, avukat, inġinier jew qassis, mhux persuna li jagħmel ġieħ lill-Università fis-soċjetà. Moħħu arah idur biss fl-isfera tas-suġġett tiegħu, u ma jkunx jista' jitħaddet fuq il-friegħi ta' tagħlim ieħor, bħall-ħmar ta' fuq il-qiegħa jonkella l-bagħal tas-sienja. Bniedem mingħajr etika soċjali, bl-imġiba tiegħu ta' neguzjant, jagħmel għajb lill-Università mnejn ikun ħareġ għax il-karattru tiegħu ma jkunx nobbli. Bniedem mingħajr etika nazzjonali jagħmel għajb lil art twelidu bħalma jagħmlu għajb lil art twelidhom it-traditturi. U aħna nqisu bniedem mingħajr etika nazzjonali kull min jew għax servili, jew għax agħma wara l-barrani, iċekken lil Malta f'kull ħaġa tajba li hi tagħha, bħalma huma Reliġjon, Storja u Lingwa, li għalina huma tliet ħolqiet ta' katina waħda. X'jiswa dak ix-xjenzat li jaf il-liġijiet tan-natura u mbagħad joħroġ ta' ħmar għax ma jafx il-liġijiet tal-lingwa tiegħu? X'jiswa dak ix-xjenzat li għandu f'moħħu maħżuna għadd ta' tagħrif fuq ix-xjenza tiegħu, u mbagħad hu nieqes mit-tagħlim tal-filosofija tax-xjenza, li tgħaqqad tagħlim ma' ieħor, jonkella hu nieqes mil-loġika li għandha tgħallmu li għax ħadd m'hu għaref f'kull suġġett, kull wieħed minna, xjenzat kemm hu xjenzat, hu injorant fis-suġġett li ma jkunx tgħallem? U x'jiswa għalhekk dak ix-xjenzat Malti li hu injorant fil-ġrajja ta' Malta u lsien il-Maltin?*

*Għalhekk ġid ieħor ta' l-edukazzjoni liberali hu li tgħallimna nkunu iżjed umli milli aħna, u ma ngħaġġlux infissru l-fehma tagħna ħlief fuq dawk il-materji li studjajniehom.*

*It-triqat tal-progress jinsabu mifruxa quddiemna. Għalina mela li naqbdu dawn it-triqat u ma naqtgħux qalbna mit-tliegħi bħall-beżżiegħa, li flok iwittu, jaraw kif jagħmlu joħolqu u jżidu d-diffikoltajiet. Jingħad li t-triqat tal-Birgu, belt qadima tal-Kavalieri, jieħdu kollha għall-pjazza. Hekk ukoll it-triqat kollha tal-progress nazzjonali jieħdu għall-Università li ħallewlna l-Kavalieri ta' San Ġwann xi mitejn sena ilu, bi statut ta' studji wisq ogħla fil-prinċipji minn dak li għandna llum.*

# KLIEM U ĠHIDUT IT-TFAL

(*Studju Folkloristiku ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO)

IL-HAJJA tal-bniedem titqassam f'bosta żmenijiet, u kull żmien jista' jservi ta' studju sew għax-xjenzat kif ukoll għassoċjologu u l-filosfu. Barra dawn, kull żmien iqanqal ukoll l-interess tal-folklorista li bit-tiftix tiegħu jasal biex jara l-ħajja maqsuma f'tant perijodi, kull wieħed bil-folklore tiegħu magħżul għalih miż-żmenijiet l-oħra ta' qablu jew ta' warajh. Imma qabel kull żmien ieħor tal-ħajja jiġi dak tat-torbija u ż-żgħurija —fi kliem ieħor, id-dinja ċkejkna u sabiħa tat-tfulija. U ma' din id-dinja, żgħira u magħluqa fil-wisa' u l-ħsieb, beħsiebna nduru dawra f'din il-kitba tagħna.

Għedna li dan iż-żmien huwa sabiħ. Sejjaħnielu sabiħ għax huwa żmien il-logħob u żmien iċ-ċajt, żmien it-tixjir tal-bandla, tal-"Ħaġa Moħġaġa", taż-żibeġ u l-boċċi u l-ħabel u l-baliun. Huwa wkoll żmien il-ħrejjef u fost l-eroj u l-persunaġġi li l-aktar isaħħruna jidhru slaten u prinċipessi, ulied in-nies għorrief, tfal boloh bħal Ġaħan, kif ukoll draguni u għasafar igħannu. Imma mhux fuq dawn irridu nitkellmu hawnhekk. Hawnhekk irridu nsemmu ħwejjeġ li aktarx mhumiex daqshekk magħrufin; għalhekk fost is-suġġetti tagħna sa nagħżlu dawk l-ewwel ilħna, onomatopejċi u mtennija, li tlissen it-tarbija għall-ewwel darba, it-taqbil ħafif ta' waqt il-logħob, il-kliem tal-qalb bejn l-ommijiet u l-ulied, il-versi li jgħannulhom sabiex jorqdu u t-talb li jgħallmuhom fil-għaxija qabel ma jidħlu fis-sodda. U s-siwi ta' dan kollu, fil-fehma tagħna, qiegħed hawn: li t-tfulija tidher bħal f'mera f'dan il-materjal tal-folklore u ħafna minn dan il-għerf bla miktub huwa fdal u fl-istess ħin xhieda ta' kemm it-tradizzjoni tixħet l-egħruq tagħha wkoll fit-tfal iż-żgħar.

Għall-ħsieb ta' dan l-artiklu niġbru dan il-materjal taħt tliet irjus: (*a*) kliem tan-nieqa; (*b*) taqbil, qasir jew twil, waqt il-logħob; (*ċ*) talb u taħnin tat-tfal. Imma qabel ma nibdew inġibu l-eżempji li ġbarna, jaqbel kieku nagħtu xi tagħrif kif beda u mexa 'l quddiem l-istudju ta' din il-fergħa tal-folklore f'Malta, li nsemmu xi karatteristiċi ta' din il-letteratura tradizzjonali li f'kull żmien tintiret bil-fomm mit-tfal Maltin, kif ukoll xi forom grammatikali li huma waħedhom fl-ilsien Malti.

Jinħtieġ ingħidu mill-ewwel li ftit li xejn inġabar materjal

ta' din ix-xorta minna l-Maltin. Huwa minnu li Agius De Soldanis (1712-1770) fid-dizzjunarju manuskritt li ħalla (Bibl. MS. 142) kif ukoll fid-dizzjunarji ta' M. A. Vassalli (1796), G. B. Falzon (1882), u A. E. Caruana (1903), insibu 'l hawn u 'l hinn xi kelmiet li jaqgħu taħt dan l-artiklu. Imma dan il-kliem, li huma sejħu "voci infantili" jew "puerili" ma ngabarx bi ħsieb ta' studju folkloristiku. Kien biss għall-aħħar tas-seklu li għadda li l-Prof. L. Bonelli ħareġ għadd ġmielu ta' kliem tan-nieqa fis-"Saggi del Folklore dell'isola di Malta" (Palermo, 1895), u xi ħaġa oħra fid-"Dialetto Maltese" (Archivio Gottologico Italiano —Torino 1891-1907), fit-taqsima tal-vokabularju Malti ta' nisel Rumanz. Qabel dan, Annibale Preca kien kiteb xi ħaġa fuq "il linguaggio dei bambini" fil-ktieb tiegħu "Saggio intorno alla Lingua Maltese come affine dell'Ebraico" (Malta, 1880, pp. 57-59). Fl-1932, imbagħad, deher il-ktieb "Maltese Folktales" ta' Mrs. L. Galea u Miss Margaret Murray li kien fih ukoll lista ta' kliem tat-trabi (1). Dan għal dik li hi "baby language". Dwar it-taqbil tat-tfal ta' waqt il-logħob, ingħidu aħna dawk li jibdew *Darba kien hawn sultan* jew *Pizzi pizzi kanna*, kien ħareġ xi ftit minnhom il-Professur Tedesk Hans Stumme fl-aħħar tal-ktieb *Maltesische Studien* — Leipzig 1904. F'din il-ħidma Patri Manwel Magri ma jistax jingħadd mal-kontributuri għal din il-fergħa ta' studju, għax kien ta ruħu għal xogħol ieħor. Kien intefa' għall-qwiel tax-xhur u l-istaġuni u għall-ġbir tal-ħrejjef qodma ta' misserijietna li llum għoddhom intilfu. Għadda bosta żmien qabel ma żdied xi ftit materjal ġdid. Għax kien fl-1931 meta ħarġu fil-"Malti" xi talbiet u taħnin qadim li jinsabu fit-tradizzjoni Maltija imma le fil-kotba tat-talb li jimxu fl-idejn. Kienu ħames biċċiet miġbura bejniethom minn Marju Agius u Ninu Cremona. Dan ta' l-aħħar irnexxielu jiġbor it-taħnina jew "ninna nanna" li dari l-ommijiet kienu jgħannu biex iraqqdu t-trabi. Kif igħidilna Cremona, din it-taħnina kien semagħha minn Ħal Tarxien, minn għand waħda ta' 70 sena, omm wieħed ħaddiem ix-xatt li jiena niftakru tajjeb tiela' minn quddiemna lejn Ħal Tarxien biċ-ċurniena fuq dahru u b'misluta waħda f'widintu x-xellugija! Kienet biċċa xogħol għax illum, għalkemm għamilt li stajt biex nara nerġax insib min jafha, lil ħadd ma sibt li jiftakar iżjed mill-ewwel erba' versi li jibdew

1. Dan l-artikolu kien diġà miktub meta fil-*Berqa* tal-1 ta' Awissu, 1945, dehret lista qasira ta' kliem it-tfal miġbura minn G. Bonavia.

"*Orqod, ibni, orqod — qalb il-ward u l-ġiżimin*". Il-Prof. L. Bonelli li diġà semmejna ġabar ħames strofi minnha, li kien ħareġ fl-1895 fis-"Saggi del Folklore dell'Isola di Malta", imma Cremona ġabar disa' strofi li flimkien mal-ħamsa ta' Bonelli ħareġ fil-"Malti" ta' Marzu, 1931.

Dan huwa kull ma nġabar fuq dan is-suġġett hawn Malta. Kif jidher mill-ewwel, kien għad fadal numru kbir ta' kliem li aħna sejjaħna "tan-nieqa", kien għad fadal it-taqbil ta' waqt il-logħob u xi talb ieħor ħafif li jingħad mit-tfal iż-żgħar. Għaldaqshekk, flimkien ma' dak li nġabar m'għand ta' qabli, beħsiebni nġib hawnhekk dak li ġbart jien, biex, ukoll jekk ma jkunx kompit sa barra, jibqa' bħal mera ta' żmien it-tfulija Maltija bix-xbihat u x-xewqat żgħar tagħha.

F'dan it-taħnin u t-taqbil, kif ukoll fil-lingwaġġ tan-nieqa, niltaqgħu ma' kliem li ma jidher imkien ieħor fil-lsien Malti. Huwa kliem li jew għandu forma grammatikali li ntesiet jew inkella li fih innifsu ma jagħmelx sens u qiegħed biss fil-folklore biex jaqbel ma' kelma oħra u hekk jagħmel ħoss sabiħ fil-widna. Ta' dawn ta' l-aħħar nagħtu eżempji bħal *kulaċi* (2) biex taqbel ma' *paċi*, *buzzu* ma' *sulluzzu*, *una* ma' *peduna*, *mentna* ma' *ċentna*, *basinna* ma' *sinna*, *żinżen* ma' *tiben*, *baqrambù* ma' *x'kilt illum* u oħrajn. Imma aktar mir-rima hija l-assonanza li niltaqgħu magħha fit-taqbil popolari, jiġifieri taqbil mibni fuq xebh il-vokali biss.

Mal-kliem qadim jew ta' forma grammatikali aktarx minsija nagħtu *bur*, *ġanbomblu*, *tigan* u *xituta*. Din ta' l-aħħar l-iktar li hi importanti għax tixħet dawl ġdid fuq forma minsija taddiminutiv Malti. Għax għad fadal xi kliem diminutivi fil-Malti, li aktarx dejjem ikun kliem tat-trabi, u li l-karatteristika tiegħu hija l-vokali *u* twila bejn l-aħħar żewġ konsonanti li aktarx ikunu l-istess. Xi daqqiet din l-*u* ġġiegħel l-aħħar konsonanti tal-kelma ewlenija ittenni ruħha u tieħu d-desinenza tal-femminil. Barra *xituta* minn *xita*, insemmu ta' l-istess għamla *żaqquqa* minn *żaqq*, *qarnuna* minn *qarn*, *geduda* minn *gidja* u forom oħra bl-*u* bħal *ċkejkuna*, *bedudu*, *bażużu*, *qarquċa*, *qarmuċa*.

Għal dak li hu tifsir ta' kliem, imbagħad, niltaqgħu ma' tifsiriet ġodda wkoll. Hekk, il-kelma *Bambin*, li għall-biċċa l-kbira minna qiegħda flok l-Iben t'Alla (Il Bambino), għat-tfal

---

2. *Kulaċi* aktarx huwa kunjom Sqalli li għadu jinsab Għawdex f'isem ta' triq, il-Munxar—Triq Kulaċi.

iż-żgħar tfisser ukoll *il-knisja* (eż. Mort il-bambin) jew fl-irħula *qassis* (eż. Buslu idejh il-Bambin). U din tal-qassis tfakkarni wkoll li f'Għawdex it-tfal, kif ukoll il-kbar, għadhom isejħu l-qassis "ziju"—xhieda tal-midħla u r-rabta li hemm bejn ir-raħħalin emmiena u r-ragħajja ta' Kristu, jew, kif igħidu oħrajn, għax Għawdex in-nies huma hekk ftit li kull familja għandha xi qassis jiġi minnha, mill-qrib jew mill-bogħod.

La semmejna l-kelma midħla jkollna nieqfu ftit fuq is-*subject matter* ta' din il-fergħa tal-folklore Malti, li fiha nfisha hija t-tifsira ta' ħwejjeġ li t-tfal huma midħla tagħhom. Għax ara, fost l-oħrajn, insibu l-*pastizzi* u l-*ħabbtejn*, il-*ġuġu*, il-*għeneb mhux misjur*, il-*kelb tal-kaċċatur*, il-granċ u l-ħut u l-qtates, in-nagħġa li *mis-suf tagħha tagħmel qmis*, il-mogħża *li ttina l-ħalib*, it-*tuttu* ta' Sidor li fuqu jeħodna San Girgor u d-*dgħajsa ġuġitta*. Hwejjeġ li jimlew il-fantasija ta' kull tifel, sew Malti kemm ukoll ta' ġens ieħor. U għal kull okkażżjoni t-tfal isibu t-taqbila : jekk inhi x-xita u x-xemx iridu bilfors igħidu li "twieled Tork" u jridu jsemmu xi versi mqabblin biex il-fenomenu jkun sħiħ. Jekk wara li jitlewmu żewġt itfal jagħmlu paċi mhux kulħadd jiswa xorta waħda biex iseddaq il-ħbiberija ġdida. Trid tkun "il-Madonna fuq rasi" jew "Kristu fuq l-altar" "biex "ibierek it-tfal żgħar". Għax it-tfal fl-innoċenza tagħhom iqisu 'l kulħadd tfal daqshom u bħalhom.

Element qawwi li niltaqgħu miegħu fil-kliem tan-nieqa u t-taqbil ta' waqt il-logħob hija l-*onomatopeja*, jiġifieri magħmul fuq ix-xebh tal-ħsejjes. Imma barra dawn insibu sillabi mtennija jew imtellta bl-effett ta' rima. Huma kliem ta' bejn il-ġenituri u t-tfal ċkejknin li jingħadu ta' kull jum fid-djar u barra t-triq, kliem li għat-tfal ifisser ħaġa li aħna nfissru b'kelma oħra. Kif igħid il-Professur G. Aquilina f'*lecture* mogħti lill-istudenti ta' l-Università, "*The Science of Language*" : "F'din il-lingwa ċkejkna u sentimentali (baby language) il-vokabularju huwa speċjali, ħafif, aktarx onomatopejku u, meta l-kliem tifliħ fonetikament, tara li huwa maħdum hekk li t-tarbija tista' titgħallmu bl-iċken sforz."

Fuq l-istess suġġett Ninu Cremona (*Folklore u Lsien Malti* 1944, p. 10) kiteb hekk : "Kliem it-trabi huwa iktarx magħmul minn sillabi mtennijin b'konsonanti tax-xoffa, u tal-gerżuma qatt; b'konsonanti dentali meta t-tarbija tkun tellgħet is-snien : *Bumbu, barbar, abba, bobba, bambu, pappa, mimmi, ninni*, u mbagħad ukoll *vavu, tetu, tuttu, żiżi*. Bħal dawn huma l-ismijiet

imqassra vezzeġġjativi, bħal: Menu, Nenu, Fefu, Leli, Fifì, Ġoġò, li joħorġu minn proċess fonoloġiku li 'l quddiem bi ħsiebni nfisser aktar fil-wisa'. Dawn il-kelmiet huma mfasslin fuq dawk ta' ilsna oħra ewropej, l-iktar Sqallin u Toskani u dan l-aħħar Ingliżi.'' U tabilħaqq! Il-biċċa l-kbira fih ilħna u sillabi mtennija li t-tarbija titgħallimhom malajr u li l-ħoss tagħhom għandu effett kbir fuq iż-żgħar. U għalhekk mhux għax boloh l-ommijiet u l-qraba jgħallmu dan il-kliem lil uliedhom! Għax leħen donnu jrid jinstema' darbtejn jew tlieta biex isir ifisser xi ħaġa għat-tarbija! Għalhekk, l-ewwel kelma li toħroġ tkun *ma-ma* jew *tà-tà*, jew kliem ieħor bħal *bum-bu*, *bar-bar*, *kuk-ka*, *kuk-ku-kuk-ku*, *ġin-ġa*, *ġu-ġu*, eċċ. Huma kliem sempliċi, imma fis-sempliċità tagħhom jagħmlu l-pedament li fuqu jinbena l-ilsien mitkellem mill-irġiel u n-nisa talpajjiż. F'dan is-sens nistgħu nxebbhuhom ukoll ma' dak il-kliem l-ieħor sempliċi u onomatopejku li ssib f'kull ilsien, kliem li l-bniedem sawwar meta kien għadu fit-tfulija tal-ġrajja tiegħu fid-dinja biex bih fisser il-ħsejjes tal-irjieħ, tax-xita nieżla, il-weġgħat u l-ferħ u l-ħsus l-oħra tal-qalb. Qegħdin ingħidu għal kliem bħal *venven*, *ħaxwex*, *ferfer*, *waħwaħ*, *ċaqċaq*, *fexfex*, *ċafċaf*, *lablab*, *werwer*, *kexkex*, *pespes*, *qaħqaħ*, eċċ.

Sa fejn nista' ngħid s'issa, il-kliem tat-trabi u tat-tfal bejn wieħed u ieħor issibu kullimkien xorta waħda fl-irħula tagħna u fost il-kotra li tgħammar ġol-ibliet. Imma tajjeb ukoll infakkru li fost il-klassi pulita ta' l-ibliet, u tista' tgħid in-nies kollha ta' Tas-Sliema, il-kliem tat-trabi bil-Malti qed jitwarrab u floku dieħel ieħor imsawwar mill-Ingliż li mhux dejjem jaqbel malbaby language ta' l-Ingliżi. Hija l-*baby language* Ingliża ta' Malta! Hekk fejn għall-kotra tal-Maltin il-kelb huwa *tetu* u l-qattus *pejxu*, għat-tfal ta' dawn il-flien dawn huma *doggie* u *pussy*. Kliem ieħor bħal dawn li smajt jien minn Tas-Sliema huma *milky* għall-ħalib, *horsey* flok *tuttu*, *fixxi* flok ħuta, *piggy* għal qażquż u *moony* għall-qamar.

Il-forma tad-djalogu fit-taqbil ta' waqt il-logħob u fit-talb insibuha mħaddma b'mod sempliċi, skond il-moħħ u l-gosti tat-tfal. Imma b'danakollu għandu effett xorta waħda fuq min jismà'. Għax ħu fit-taħnina li ġabar Cremona, x'effett għandu d-djalogu bejn il-Madonna (il-Matri) u binha Ġesù li ma jistax jorqod għax jiftakar fil-ġrajja tal-Passjoni—fil-musmar u x-xugaman! Idejat sempliċi, imma oħrajn bħalhom ġie li kienu l-lehma għal kitba kbira u poeżija l-aktar ġenwina. Fil-logħba sabiħa

tal-kavalier "il-paxxatore" li jmur "in giro in giro ngella" ifittex tifla sabiħa biex jixtrilha rigal, insibu wkoll id-djalogu, bejn żewġ ringieli tfal, li jingħad waqt li t-tfal ta' kull naħa jersqu 'l quddiem u jerġgħu lura id f'id.

Semmejna l-influwenza ġdida Ingliża li dieħla f'din il-fergħa tal-Folkore Malti. Imma barra din kellna fl-imgħoddi oħrajn minn artijiet barranin, l-iktar minn Sqallija. Ħafna kliem, sew mill-ħoss kif ukoll mis-sura u mit-tifsira tiegħu jidher li mhux ta' nisel Malti u nsibu bħalu fi Sqallija. Hekk il-*banni bannozzi* tagħna taqbel ma' *manu manuzzi* ta' l-Isqallin u s-*sulluzzu buzzu* tagħna mat-taqbila Sqallija "*suggiuzzu suggiuzzeddu*". Naslu biex ingħidu li hemm influwenza Sqallija mhux biss għax **il-kliem** jixxiebah fil-ħoss imma wkoll għax is-sens jaqbel fittnejn. Hekk, meta ngħidu fil-*banni bannozzi "Ara ġej it-tata ġej—bil-pastizzi u bil-ħabbtejn"*, fi Sqallija jgħidu "*Veni lu tata, puta la mpuwa 'nta la cannata*", fejn naraw divrenzja biss f'li hemmhekk it-*tata* jġib l-inbid ġol-qannata u hawn Malta jġib il-pastizzi. L-istess tas-sulluzzu. Fil-versjoni Maltija u Sqallija t-tfal li jkollhom is-sulluzzu jitolbuh jitlaq minn fuqhom u jmur fuq xi ħadd ieħor li jħobbu!

Imma mhux it-taqbil kollu ssibu mxerred xorta waħda fl-ibliet u rħula tagħna. Meta dan it-taqbil ma juri l-ebda influwenza barranija jista' jkun li nsibuh f'raħal u mhux f'ieħor għax ikun nisel dak ir-raħal stess, jiġifieri jkun issawwar minn xi wieħed li joqgħod hemm u baqa' jintiret f'dak ir-raħal biss bla ma għadda għal irħula oħra. Imma oħrajn li juru influwenzi barranin u fl-istess ħin issibhom imxerrdin ma' Malta u Għawdex iġagħluna nitħassbu kif ħaġa li mid-dehra ma tkunx twieldet Malta setgħet tixtered daqshekk u tqabbad għeruqha fit-tradizzjoni Maltija. Qegħdin ingħidu l-iktar għal taqbiliet tat-tfal bħal dik tal-Paxxatore *in giro ngella*, l-oħra li tibda *Pizzi. pizzi kanna Dolores ta' Sant'Anna*, jew l-oħra *Siamo sette Kavaljere putreċille*. Huma dawn taqbiliet li tismagħhom kullimkien f'Malta. Imma jekk mhumiex Maltin, kif daħlu Malta?

Igħidulek uħud li ġew minn Sqallija ma' sefturi nisa li kienu jidħlu qaddejja man-nies għonja tagħna fiż-żmien l-imgħoddi. Imma għandna niftakru li dari n-nobbli kienu maqtugħin mill-kotra aktar mil-lum, u għalhekk kif setgħu dawn ittaqbiliet igħaddu u jidħlu qalb il-poplu l-wistani u l-baxx? Ħaġa oħra: wieħed jistenna li ħwejjeġ bħal dawn igħaddu minn isfel għal fuq, u mhux minn fuq għal isfel. Ukoll jekk dawn il-qad-

dejja nisa Sqallin wara tħalltu mal-irġiel tagħna u ġiebu fid-dinja wlied Maltin, kemm setgħu kienu biex ħallew warajhom tradizzjoni hekk qawwija? Jekk illum in-nobbli u l-għonja tassew jingħaddu, wisq inqas kien hawn famil:i bis-seftura Sqallija fi żmien l-Ordni jew qabel!

Teorija oħra hi li ġibuhom magħhom il-ħafna Sqallin u barranin oħra li kienu hawn Malta jew bħala banavol:i jew bħala baħrin fuq ix-xwieni, nies tax-xogħol fil-bini tal-belt Valletta, suldati, eċċ., li wara żmien tħalltu u żżewġu man-nisa tagħna. Il-kummerċ u t-traffiku li kellna ma' Sqallija, dari iżjed millum, seta' wkoll kellu x'jaqsam ma' din l-immigrazzjoni ta' kliem u ta' idejat. Imma tgħid kienu l-irġiel li daħħlu Malta l-kliem tat-trabi u t-taqbil ta' waqt il-logħob? Għax dan aktarx ikun xogħol in-nisa milli xogħol tar-rġiel. Kienet x'kienet, hija ħaġa tqila tgħid kif saru dawn *it-transfers* minn art għal oħra. U anqas ma tinżel malajr din tal-misserijiet Sqallin, għax kieku kien hekk ikollna ngħidu li qabel dak iż-żmien konna tant maqtugħin għalina Malta li anqas biss kellna taqbil u kliem minn din ix-xorta dak iż-żmien.

Għalhekk mhux għalkemm taqbad u tgħid kif daħlet Malta dik ix-xi ħaġa li tinsab f'art oħra. Fil-każ tagħna, qabel naslu biex ingħidu dan, jeħtieġ li bla ebda passjoni nifhmu li influwenza Sqallija kellna ma' tul il-ġrajja twila tagħna, imma li influwenza Sqallija ma tfissirx influwenza Taljana għax imqar mill-istorja naraw li l-ġrajja ta' Sqallija iktar taqbel ma' tagħna milli ma' ta' l-Italja. U meta naslu sa hawn inkunu nistgħu ninxteħtu għax-xogħol ta' studju mqabbel bejn il-folklore Sqalli u Malti u naraw x'hemm li jinsab fit-tnejn li jista' jkun li żżewġ pajjiżi ħadu minn art oħra fl-imgħoddi. Għax kultant l-iktar xebh ċar issibu fejn l-anqas tistennieh. U mhux bizzejjed li ssib l-istess ħaġa Malta u Sqallija biex tgħid li aħna ħadnieha minn hemm. Jista' jkun li aħna u huma ħadnieha minn għand xi ħadd ieħor bħalma huma l-Għarab meta kienu fl-aqwa tagħhom, jew qabel dawn, il-Feniċi. Għax ġie li niltaqgħu ma' tixbih fuq ix-xtajta tal-Afrika u fis-Sirja. Eżempju ta' taqbila Maltija li tixbah lil waħda Għarbija tal-Liban hija dik li tibda: "Baqrambù — x'kilt il-lum? — Kejla ful! — Xi xrobt fuqha?— Bajda friska!" li taqbel fix-xejra u fir-ritmu ma' dik mogħtija bħala nota fil-ktieb ta' Feghalie "Syntaxe des Parlers Arabes Actuels du Liban" (p. 467) li maqluba għall-Malti, tgħid hekk:

"Fejn kont il-bieraħ?
Għand oħti mselħa!
X'temgħetek?
Ġobna mielħa!" (3)

Imma ikun aħjar għalina li għalissa flok ma noqogħdu nintilfu fuq influwenzi Sqallin jew Semitiċi, infittxu li nżidu ma' dak li ġa hemm miġbur u nħallu x-xogħol ta' studju mqabbel għal żmien li għad irid jiġi. Issa naħseb li għedna iżjed milli messna fuq din il-biċċa u għalhekk jaqbel ingħaddu għall-materjal li ġbarna.

*(Fadal)*

# TRIQ JEW TRIEQ?

F'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1945, is-Sur Ivo Muscat Azzopardi juri x-xewqa li niktbu *triq* u mhux *trieq* għaliex il-kelma ġejja mill-Għarbi *tariq* u mhux minn *tirâq*. Fl-istess għadd is-Sur A. Cremona jwieġeb li għalkemm din hi waħda mill-kelmiet li tista' tinkiteb b'mod jew ieħor, fl-użu kienet u għadha tinkiteb mill-aħjar kittieba *trieq*, u għalhekk, jissokta jgħid, aħjar niktbuha skond l-użu bla ma nfittxu l-etimoloġija (faċċ. 56-57).

Min irid ikun jaf xi ħaġa fuq l-istorja ta' ktib dil-kelma jaqra *Leħen il-Malti* ta' Mejju-Ġunju 1936, faċċ. 14 u 15. Minn hemm ikun jaf li l-kelma bdiet tinkiteb *triq*. Hekk kitibha Vassalli. Imbagħad bdiet tinkiteb *trieq* u damet ħafna tinkiteb hekk. Fit-*Tagħrif* (faċċ. 25) hemm regola li tgħid: Il-vokali *i* mkarkra qabel il-konsonanti *h*, *ħ*, *għ* u *q* f'tarf il-kelma, tinstema' bħal *ie*: imma għandha tinkiteb *i*. U fost l-eżempji hemm il-kelma *rqiq* (faċċ. 26) li tixbah lil *triq*. F. S. Caruana fi "Grammatika u Ortografija tal-Malti fil-qosor" (*Il-Malti*, Diċembru, 1925, 116; stampat għalih fis-sena 1932) jagħti l-kelma *triq* bħala eżempju, għalkemm fit-tielet ħarġa stampata fis-sena 1934 jiktibha *trieq* (faċċ. 20). Il-għala l-kittieb biddel fehimtu ma jgħidx. Mela filwaqt li għandna regoli li jgħidu li l-vokali *i* twila qabel il-*q* għandha tinkiteb *i*, ma għandna l-ebda regola u ma għandna l-ebda raġuni li *triq* għandha tinkiteb *trieq* ħlief l-użu tas-Sur Cremona u, kif igħid hu, tal-aħjar kittieba. Bir-rispett kollu lejn dawn il-kittieba jien nibqa' nikteb *triq*. U naf li jiktibha hekk ukoll Dr. G. Aquilina, il-Professur tal-Kattedra tal-Malti.

P. P. Saydon.

3. Nizzi ħajr lill-Prof. G. Aquilina talli qalli b'din it-taqbila u talli ġabarli xi taqbil ieħor li jidher wara minn Għawdex.

# *BEJN ZEWG UNIVERSITAJIET*

School of Oriental and African Studies,
University of London, W.C.I.

*Universitatis Regiae Melitensis Rectori Magnifico et Concilio Generali.*

*Scholae Studiorum Orientalium et Africanorum in Universitate Londiniensi Rector Professores Scholares Salutem dicunt plurimam.*

Tres amplius anni sunt ex quo Germanorum et Italorum duae concordes sectae, haec, fascium illa nescio an cauterii imagine insignitae, adversus communem libertatem generis humani bellum moverunt; quod bellum ,nobis quidem satis calamitosum, vobis, quippe qui in procinctu semper excubetis et quos pessum datos quam omnia malint hostes, perpetuum vitae et salutis periculum conflavit. Miram vero Melitensium fortitudinem, incredibilem constantiam, nusquam gentium ignotam, Rex ipse noster summo civico ornamento nuper decreto plaudentibus omnibus Britannis honoravit.

Quid de vobis Academicis? Dignitatis vestrae nos iam ante fautores et—cum praesertim Iosephus Aquilina, Professor, utriusque iuris et philosophiae Doctor, Carolus Eduardus Casolani, Militum bombardicorum Melitensium Praefectus, Emanuel Beniamin Vella, Scholae grammaticae Praeceptor, alumni vestri, nobis quoque olim interfuerint—studiorum communique vobiscum amicitiaeque vinculis coniuncti, in his vos nunc miseriis versari nihilo minus indoluimus quam si ipsi coram participes earum essemus. Quod tamen inter tot tantosque Martis terrores, Musarum non immemores, liberalia studia sustentatis maxima vos admiratione suspicimus, et ut optimo meritos, cum de litteris tum de re publica, ex animo collaudamus.

Quod, spe iam aliquantum affulgente sociatis armis, minus timoris res incipit habere, una vobiscum gaudemus. Ne tamen, pro confecto interpretati, a certamine animos remittamus, sed potius intendamus magis magisque in dies. Et quoniam

non Parca fati conscia, lubricae
non sortis axis sistere nescius,
non siderum lapsus, sed unus
  rerum Opifex moderatur orbem,

ad Illum supplices, sed (*kliem bil-Grieg*) accedere ne pratermittamus.

Valete, Viri Doctissimi, et prospera omnia sperate.

(sd.) R. L. Turner.

Londini die septimo mensis Decembris A.S. MDCCCCXLIII.

*Shcolae Studiorum Orientalium et Africanorum in Universitate Londiniensi Rectoris Professoribus et Scholaribus.*

*Universitatis Regiae Melitensis, Rector et Senatus salutem dicunt plurimam.*

Pergratae nobis fuerunt literae a vobis missae, eoque gratiores quo maior vestra erga nos humanitas. Gratias quam maximas agimus.

Iam quartus annus est ex quo, perfidia duarum gentium pace hominum turbata et humanis divinisque quibuscumque iuribus violatis, studia et liberales artes armis mutare compulsi sumus. Quid in nos saevirent hostes vos idem experti nostis. Sed nihil tantis spectati periculis animos fleximus. Nec urbs tormentis verberata, nec aedes ruinis aequatae, nec ulli cruenti Martis terrores nos deterruerunt quin iuvenes praesidio doctrinae pro viribus muniremus et fortiores in certamine cum hoste scelestissimo efficerimus. In tanto discrimine periculi vestram incredibilem fortitudinem et animi magnitudinem nobis admirationi et incitamento fuisse haud diffitemur, et si modo oculi omnium in nos conversi sunt, fuerunt in vos iampridem nostri.

Tot periculorum Academici omnes heu! uno minus superstites sumus. Josephus Aquilina, quem alumnum habuistis, in ordinem Academicorum adlectus est et laboris vestri solertiaeque suae fructus fert in dies uberiores. Ceteri, quos inter solertiaeque suae fructus fert in dies uberiores. Cateri, quos inter vos habuistis, alius alia via patriae deserviunt.

Spes melioris aevi nunc nobis affulget, animum tamen haudquaquam remittimus. Alacriores ad pugnandum et ad vincendum sumus, et Deo uni fidentes.

Qui terram inertem, qui mare temperat
ventosum et urbes regnaque tristia,
divosque mortalesque turbas
imperio regit unus aequo

illum diem laeti prospicimus quo, reddita hominibus pace, artes liberales iterum florebunt, homines sacro foedere sociabuntur, et qui antea non uno vinculo coniuncti vobiscum fuimus, coniunctores usque erimus.

Valete. Vobis, Viri Amplissimi, in vicem bene precamur.

Valettae (Melitae). a.d. XI Kal .Apr. A.D. MDCCCCXLIII.

---

## GĦANJA

*Għasfur, għaliex qed tgħanni,*
*donnok bil-ferħ miġnun?*
*Skirt int bi nbid l-Imħabba?*
*— Jinxfu malajr l-għejjun!*

*Jien bħalek fexxejt fl-għana*
*u bħalek ferħ ta' ġenn*
*l-Imħabba nisslet fija.*
*— Fl-imħabba ma sibt kenn!*

*Għasfur, jekk għandek tgħanni*
*għax l-għana għamel bik,*
*u tħoss li ta' l-Imħabba*
*ix-xejra biss thennik;*

*għanni kemm trid, biss itlaq*
*'il b'għod, 'il b'għod mur tir.*
*X'tiswa l-għanja tal-għani*
*fl-Imħabba, għal min fqir?*

15 . 7 . 45. RUŻAR BRIFFA.

# *LURA F'SAN ĠILJAN*

*Xorta għadek tħaxwex, baħar,*
*Kif kont nisimgħek fl-hena tat-tfulija*
*Meta minn ħdan ix-xefaq*
*Kont nilmaħ tielgħa x-xemx fl-għodwiet sajfija.*

*Għadu t-Torri mill-qedem*
*Fit-tarf tal-qala' jisma' l-għanja tiegħek*
*U s-siġar tal-Balluta*
*Għadhom għanjet l-irjieħ jgħannuha miegħek.*

*Jien iżda mbiddel nerġa'*
*Lura dal-jum fi ħdan ir-raħal ħlejju*
*Li jbennen tifkirieti*
*Ta' meta kont ferħan bħall-ward ta' Mejju.*

*U fil-waqt li nitgħaxxaq*
*Li rġajt mill-ġdid fil-bejta ta' ċkuniti*
*Nibża' li ndallam ħolma*
*Bil-hemm li xxeblek ma' tamiet żgħożiti.*

*Fejnhom il-jiem ħanina*
*Meta x-xemx nieżla wara tal-Minsija*
*Nara minn għolja w taħti*
*Il-mewġa tilgħab fil-qaliet ramlija?*

*X'hena ta' qari hieni*
*F'ħoġor it-tieqa, int kamarti taf!*
*U kif kien jitlaq ħsiebi*
*Itir u jħuf u jgħanni mal-ħuttaf!*

*Issa fuq tifkirieti*
*Il-kwiekeb ilebilbu siekta ara*
*Fuq wiċċi l-fewġa friska*
*W il-qamar tiela' fuq id-Dragunara.*

*X'seħer! nerġa' jien issa*
*Nara kif faraġ ma jmut qatt għalija*
*Kif qalb il-hemm tal-ħajja*
*Sakemm immut tiddili l-Poeżija.*

ĠUŻE' V. GALEA.

## LIL E.B. VELLA

*Malti tassew! Malti fil-qalb, ħabbejtha*
*Lil din l-Art ċkejkna fejn tnehidt tarbija;*
*Fraħt bil-ġmiel li jlibbisha w qatt ma nsejtha,*
*Fejn kienet xierqa, l-kelma tal-foħrija.*

*Malti fil-ħsieb, oh b'liema reqqa flejtha*
*Id-damma mżewqa tal-ġrajjiet maltija!*
*Kemm qassamtha sabiħ, u kemm għanejtha*
*B'kitbiet mirquma u bid-dehen mimlija!*

*U Malti wkoll f'għamilek, qatt ma tgħeja*
*Tgħallem lil għajrek dak li tgħallimt int,*
*Biex tajfa aħjar fiż-żgħar u l-kbar tithejja.*

*Agħnet hekk 'il quddiem u s-Sema miegħek:*
*Għad joktor dak li int bil-għaqal ħżint:*
*Oħrajn għad jimxu fuq il-passi tiegħek.*

Dun Karm.

---

## GHINNI, MULEJ!

*Għalissa xejn mhu tqil u morr għalija,*
*U kollox jidher ħelu u sabiħ;*
*'Mma għad żmien jiġi meta nħoss ġo fija*
*Li kollox spiċċa, kollox tar mar-riħ.*

*Forsi ma nkunx irrid infittex ħlewwa*
*Fil-ħwejjeġ li issa jidhru hekk ħelwin,*
*U forsi nibda nara kerha s-sewwa,*
*U forsi nara ħżiena lit-tajbin.*

*Minn issa nħoss li hemm miktub f'dil-ħajja*
*Għalija swied il-qalb fiż-żmien li ġej;*
*Minn issa, għalkemm żgħir, inħossha l-għeja,*

*Inħoss il-kesħa f'dan ir-riħ l' għaddej.*
*Għalhekk, Mulej, kun Int l-għajnuna tiegħi,*
*Issa w imbagħad, Mulej, erfa' l-piż miegħi.*

5. 3. 45. Anton Azzopardi.

## AESOP 1945

*It-tank jiġri u jkisser,*
*Ifarrak, jagħmel tħin*
*Kull ma jiġi quddiemu:*
*Siġar, bhejjem, bnedmin.*

*Għalih la nar, la balal*
*Ma jiswew l-inqas xejʼ,*
*Iħott, jaqleb u jwitti:*
*It-tank jibqaʼ għaddej.*

*L-ebda ħaġa bil-ħajja*
*Lit-tank ma tegħleb qatt;*
*Aqwa mill-azzar fʼsaħħtu*
*Fil-ħolqien ma jsib ħadd.*

*Iżdʼekk lit-tank jitilqu*
*Ir-raġel illi jsuqu,*
*Imqar tiġieġa zoppa*
*Taf titlaʼ u tħammeġ fuqu.*

E. Agius.

---

## IL-MEWT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

*Xʼtiswa l-ħxuna tal-għadam,*
*xʼjiswa tal-ġilda l-ġmiel,*
*jekk balla żgħira, dudu rqiq jeqridhom?*

*Il-ġir taʼ ġismek tieklu*
*is-siġra taċ-ċipress,*
*mill-warda taʼ ħaddejk trewwaħ l-intiena.*

*Għax-xjuħ mʼhemmx ħlief il-qabar*
*għamara taʼ mistrieħ,*
*is-sinslʼ għajjiena ddur lejn l-art ħanina.*

*Iż-żgħażagħ ħarsthom fl-għoli*
*ħlief ħajja ma jarawx,*
*il-mewt inkiss inkiss tiġi minn wara.*

17 . 7 . 45. Marċell Mizzi.

# ĊLIETA HDEJN XULXIN

(*Ta'* Anton Calleja)

RUDOLF kien qiegħed bil-qiegħda fil-veranda tad-dar ċkejkna tiegħu li tagħti għal fuq il-bajja' ta' San Pawl; in-naħa l-waħda martu żagħżugħa Olga; in-naħa l-oħra Rita—ġara u ħabiba tagħhom it-tnejn.

Rudolf kien igħallem l-iskola u kien ilu miżżewweġ mirrebbiegħa ta' qabel. Il-btajjel tas-sajf kien ġie jgħaddihom San Pawl il-Baħar, fil-kwiet ma' martu, biex ibiddel ftit l-arja u biex jinsa 'l Għawdex u r-raħal fejn kien igħix u jgħallem: ried jinqata' minnu għal kollox u ma jiftakarx aktar fih. Kien ilu diġà xahrejn San Pawl u għad li l-karrozzi tal-Marfa kienu jgħaddu darbtejn kull jum minn wara l-bieb, qatt ma kien wasal wasla sad-dar. Iż-żewġt iħbieb li kellu kienu jiġu jqattgħu xi ġurnata miegħu; imma għad li kien jagħmel kollox biex jilqagħhom tajjeb, kien iħossu jistrieħ x'ħin jarahom telqin mill-ġdid lejn djarhom. Għax kull meta jiġu kienu joqogħdu jfakkruh fir-raħal u fl-iskola; kienu joqgħodu jsemmulu fuq dik u fuq dak u hu, għad li mxabba' sal-ponta ta' mnieħru, kien ikollu joqgħod jismagħhom bis-sabar kollu.

Martu żagħżugħa ma kenitx bħalu. Kienet trid ma' min titħaddet: indaħlet mal-ġirien kollha — tiġri 'l hawn u 'l hemm man-nisa żgħażagħ bħalha, tgawdi l-ħajja ġdida tagħha. Lil Rudolf kienet għadha tħobbu daqs meta kienet ratu u nnamrat minnu l-ewwel darba. Imma hi kienet tħoss li kien bired lejha, li ma kienx għadu tagħha. Kien igerger għal kull xejn; ikellimha dejjem mill-inqas u għal bżonn. Fl-għaxijiet hi tlesti s-siġġijiet fuq il-veranda: hu jgħaddas rasu u jitlaq waħdu għal fuq il-blat. Kollox kien juriha li Rudolf kien irid jiskartaha u x'ħin kienet tkun ħdejh kienet tittendi li kien donnu jbati; u hi kienet qed tixba' minn din il-ħajja battala. Kienet tipprova dderri f'affarijiet oħra. U għalhekk kienet tħabbet mal-ġirien u kienet tgħum u tiġri man-nisa żgħażagħ bħalha. Kienet tinfexx mad-dar: tiżbogħ u żżejjen u tqalleb u tirranġa issa din u issa l-oħra. Kienet tħobb tistieden lil ħbiebha u turihom għal min jaf kemm-il darba xi rigal li kienet iddubbat meta tejġet. Dejjem kienet taqla' xi ħaġa u x'ħin kienet tara l-għajnejn għajjurin tal-ġirien kienet tifraħ: it-tifħir battal tagħhom kien ipatti b'xi mod għall-bruda ta' żewġha. Dan qatt ma kien igħidilha xejn: kien iħalliha tmur fejn trid u tagħmilha ma'

min trid. Meta kien ikollha l-mistednin hu jew kien jibqa' magħluq f'kamartu jew kien joħroġ baxx baxx mill-bieb ta' wara u jmur fuq il-blat sa ma jarahom ħerġin 'il barra minn ġo daru.

Dan l-aħħar Olga kienet xebgħet għal kollox u kollox beda jdejjaqha: qatgħet li tmur tgħaddi jumejn Għawdex, ir-raħal weħidha. Rudolf, x'ħin qaltlu ma qal xejn: hu wkoll xtaq igħaddi jumejn waħdu, mingħajr ħbieb, mingħajr mara, min għajr mistednin.

Fir-raħal fejn kienu joqogħdu nies żewġha, kulħadd kien iħobbha lil Olga. Kollha kienu jħobbuha għax hi kienet twajba u dħulija ma' kulħadd, għad li sa ma drawha n-nies kienu aktarx jistħu minnha. Għax hi ma kenitx minn dak ir-raħal. Rudolf kien sar jafha Malta xi sentejn qabel. Kien sar jafha fil-kamra tal-eżamijiet fejn kienu ħdejn xulxin u fejn kien qalilha ħafna bil-moħbi, għax hu kien qalbu tajba. U hi minn dak in-nhar saret tħobbu u baqgħet tħobbu għad li ma kenitx ratu biss ħlief tliet darbiet oħra: darba l-Belt fil-vakanzi tal-Milied ta' dik is-sena u darbtejn oħra fis-sajf Birżebbuġa, fejn hu kien mar xalata ma' xi ħbieb. It-tliet darbiet li kienet iltaqgħet miegħu kien għarafha u kien kellimha — imma fuq it-temp, fuq il-kotba u fuq l-iskola. Għalhekk bħal inħasdet u stagħġbet meta fir-rebbiegħa, f'Marzu, Rudolf kien sabha u bħal imderwex, donnu fis-sakra bl-imħabba, kien talabha tiżżewġu malajr, malajr. U donnha mdiehxa bil-ferħ, donnha f'ħħal ħolma kienet iżżewġitu u ġiet toqgħod miegħu fir-raħal fejn kien igħix u jgħallem. Kemm kien iħobbha! Donnu miġnun: kien ibusha u jbusha donnu minn xuffteiha ried isoffilha ruħha. X'ħin kien jgħannaqha kien iweġġagħha. Hi kienet tħobbu, tħobbu ħafnà, imma x'ħin kienet tarah hekk kienet donnha tibża' minnu. U dan kien biss ħames jew sitt xhur qabel. Issa li reġgħet lura weħidha, ir-raħal tilef għalija l-poeżija kollha. Kienet qalet li tħobb ir-raħal għax kien kwiet u sabiħ: qalet li kien jogħġobha wara t-taħbit u l-ġiri tal-Belt. Issa kollox idejjaqha: tara kollox ikrah u maħmuġ: in-nies li qabel, meta kienet toħroġ ma' Rudolf kienet tieħu tant gost issellmilhom u titkellem magħhom, issa saret donnha tistmerrhom.

Ma nsietx b'daqshekk lil Rita. Meta kienet għadha ġejja minn Malta, ma taf 'il ħadd, Rita kienet daret biha ħafna: Kienu fl-għaxijiet, meta Rudolf kien ikun ma' ħbiebu, joqogħdu

jitħaddtu u jirrakkmaw. Ferħu għalhekk ħafna b'xulxin billi kien ilhom ma jiltaqgħu fuq xahrejn u Olga nsiet id-dwejjaq tagħha. Stiednet lil Rita tmur tqatta' jumejn magħha u ma' Rudolf fid-dar ċkejkna tagħhom San Pawl il-Baħar.

Rita kienet ukoll assistenta u fir-raħal, fejn dawk li jafu l-iskola kienu ftit, hi kienet miġjuba ħafna. Kienu jġibuha r-raħlin mhux biss għax kienet tiktbilhom u taqralhom l-ittri, imma wkoll għax hi kienet sabiħa u twajba u taf tmur għal xejrit kulħadd. It-trabi l-aktar grixtijin, li meta kien ikellimhom xi ħadd ieħor kienu jaħbu wiċċhom f'sider ommijiethom, lilha kienu jitbissmulha u joqogħdu jilagħbu magħha. Ix-xbejbiet raħlija kienu jħollu qalbhom magħha u jgħidulha sigrieti li ma kienu jgħiduhom lil ħadd aktar ħliefha. U hi kienet titbissem u tgħin lil kulħadd mill-aħjar li tista'.

Lil Rudolf kienet tafu sewwa: it-tnejn mill-istess raħal, kienu jmorru u jerġgħu lura mill-iskola flimkien. Rudolf kien dejjem sena qabilha u hi, kull diffikultà li kien ikollha kienet tistaqsiha lilu. Xi drabi kien ikollu jitħabat u jqalleb kotba mhux ftit għax hi kienet tistaqsih affarijiet strambi u tqal. Għal erba' snin u aktar kien dam ġej u sejjer magħha lejn l-iskola...... U kuljum irid igħidilha li jħobbha u kuljum x'ħin jiġi biex igħidilha tonqsu l-ħila, għax hi dejjem ħsiebha fl-iskola, fittemi fil-kotba u fis-siġar. Imma fl-aħħar qalilha — kelma waħda. U Rita stħat u minn dak inhar ma marritx aktar miegħu.

Rudolf, dak li kien irid kien iridu b'qawwa. X'ħin ra li ma seta' jagħmel xejn, qabdu bħal ġenn; telaq lejn Malta, sab dik it-tfajla tas-sala ta' l-eżamijiet u żżewwiġha malajr malajr. Ried iħobbha... ibusha, igħannaqha. Imma għalxejn, għax flok li naqas it-tfixkil kien żdied. Għad li ried iwarrab lil Rita, kien isibha bi tqila, għax mindu żżewweġ hi kienet reġgħet tfittxu u titħaddet miegħu fuq kotba u fuq skola bla mistħija bħal qabel. Biex forsi jinsieha, biex jinqata' minnha għal kollox, kien ġie jgħaddi l-btajjel tas-sajf San Pawl il-Baħar......

# NIXTIEQEK TIEGHI

*(Ġrajja drammatizzata għax-xandir minn fuq ir-radju minn* SALVINU TELLUS)

**Persunaġġi:**
Silvju Tewma, il-maħbub ta'
Roża Bellija, it-tifla ta'
Ġorġ Bellija u
Tereża Bellija.

**Żmien:** Fis-seklu tal-Progress.
**Fejn:** Fil-Gawhra tal-Mediterran.

*Habbar:* Meta l-bnedmin iħossu qalbhom qiegħda tixgħel bl-imħabba jintebħu li qegħdin, fl-istess waqt, jiġu maħkuma minn istint l-aktar primitiv li jġib miegħu mumenti ta' hena bla qies u niket bla tarf. Aktar ma tikber l-imħabba aktar donnu jikber in-niket sakemm wieħed jasal biex jagħraf li l-hena għall-bniedem m'hix ħaġ'oħra ħlief nuqqas, għal ftit taż-żmien, ta' niket, u tbissima mhux ħlief qatra għasel ġo baħar ta' mrar. Din li sejrin tisimgħu hi ġrajja ta' l-imħabba, ġrajja li bħalha fil-ħajja nsibu ħafna. Bosta drabi, iżda, il-ħsejjes tad-daqq u l-ġenn taż-żgħożija jnissuna n-niket ta' madwarna u ftit iħal-lulna żmien biex nitħassru 'l dawk il-bnedmin ħutna, li, min-għajr l-ebda ħtija, isofru minn ġewwa, bla ma juru, għalkemm jixhdu wiċċhom, il-kefrija tal-ħajja, għaliex huma miċħuda wkoll minn dak il-ftit tal-hena li tagħtina ż-żgħożija.

Inġibu quddiem għajnejna sala tal-ballu, kollha mdawla u mżejna. F'tarf is-sala, fuq palkett, naraw id-daqqaqa, kull wie-ħed minnhom b'għajnejh fuq il-karta ta' quddiemu u jdoqq l-is-trument bl-akbar ħlewwa. Mill-għaqda tal-ħsejjes ħierġa melodija li ssaħħar, li ġġagħlek tiżfen u tgħanni, tħobb u tinsa li qiegħed f'dinja tan-niket.

*(Mużika)*

Is-sala kollha mimlija daqq, daħk u allegrija. Fost din il-ġemgħa ta' żgħażagħ nilmħu żagħżugħ, mistħi, xipli, b'għaj-nejh ileqqu imma miksurin jekk tħares lejhom sewwa. Fuq fommu għandu tbissima ħelwa imma aktarx artifiċjali. Narawh qed jiżfen ma' tfajla, aktarx samranija, b'ħarsa f'għajnejha li donnha tgħidlek "Hobbni"; tfajla fil-fjur tal-ħajja, ferħana, fuq ruħha. Nilmħu 'l xofftejhom qegħdin jitħarrku. Nersqu ftit lejhom biex nisimgħu x'qegħdin igħidu.........

*Silvju*: X'mużka din, xi ġmiel, xi ħlewwa! Qatt smajtu dal-Waltz?

*Roża*: Iva. Fit-talkies. Hafna drabi fuq ir-radju wkoll. Il-mużka nħobbha wisq.

*Silvju*: Taf iddoq pjanu?

*Roża*: Iva. U nkanta wkoll.

*Silvju*: Prosit! Mhux bħali, ma naf xejn mużka.

*Roża*: Għad tista' tistudjaha.

*Silvju*: Tassew... kont nixtieq nitgħallimha fi tfuliti imma... ma ħallewnix.

*Roża*: Għaliex?

*Silvju*: Taf li ma nafx x'jismek.

*Roża*: Aqta'.

*Silvju*: Halli naħseb... Josephine? Le? Doris? Anqas? Eh...... Agrippa għal li jista' jkun?!

*Roża*: X'inhu? Ha, ħa... Isem ta' fjur.

*Silvju*: Isem ta' fjur... Daisy. L-anqas? Għidli inti.

*Roża*: Rose, Rosy... u int?

*Silvju*: Jien?... Silvju, jogħġbok?

*Roża*: Mhux ikrah...

*(Tieqaf il-mużka)*

*Habbàr*: ......U hekk iż-żewġ żgħażagħ tagħna saru jafu 'l xulxin. Il-ħbiberija ssawret f'imħabba u b'hekk bdiet l-isbaħ ħolma ta' ħajjithom. Għal żmien, l-imħabba għamiethom. Kienu jgħixu biss biex jaraw 'il xulxin. Imħaddnin fl-mkien kont tarahom fuq xi għolja jħarsu lejn il-ħdura ta' l-egħlieqi u lejn is-sema lewn in-nir. Il-ħolqien kien bħal jitbissem meta jarahom. Iżda qalb Silvju kienet imfawra bin-niket. Il-qawwa ta' l-imħabba kienet iġġegħlu jimxi fejn moħħu kien igħidlu biex ma jersaqx. Dawk il-jiem ta' telfa u ta' ħolm kienu għal Silvju l-eqqel li qatt sata' jġarrab żagħżugħ. Wara ftit taż-żmien Silvju, imkexkex u mbażża' minnu nnifsu, qata' li joħodha mal-qawwa kiefra ta' l-imħabba. Narawh f'kamartu, fqajra u mneżżgħa minn kull lussu, b'kurċifiss fuq soddtu donnu biex iħarsu waqt il-mistrieħ tiegħu. Għaddew max-xahrejn mill-ewwel laqgħa tiegħu ma' Roża. Qiegħed waħdu fis-skiet ta' filgħaxija; ħosbien, tiela' u nieżel mal-kmajra, waqtiet għajnejh idemmgħu. Jaħseb u jgħid :—

*Silvju*: Inħobbha, nixtieqha tkun tiegħi. Imma meta? Le, ma jistax ikun. Jeħtieġ nitbiegħdu...... Tistenna?...... Le

ma jistax ikun... Il-faqar tiegħi ma jħallilix ħaġ'oħra... Aħfirli, Roża tiegħi... Inti ma tistax tifhem... Id-dinja ma ħaqritekx... Ma tafx x'inhi tbatija jew nuqqas... Dejjem kellek dak li xtaqet qalbek... Imma issa se tiġi miċħuda mill-egħżeż xewqa ta' qalbek... Aħfirli Roża... Aħfirli. Kif jista' jkun li nkun hekk kiefer ma' dawk li ġibuni fid-dinja? Li rabbewni bil-għaraq ta' ġbinhom? Li ftaqru biex għanewni bit-tagħrif meħtieġ u ħelsuni mid-dlam ta' l-injuranza... Jew forsi kien ikun aħjar li bqajt miċħud mit-tagħlim u s-sbuħija tal-ħajja... Aktarx li ma kontx taqsam triqet ħajti... Ma nafx x'inhu l-aħjar... Ma jistax ikun li nitbiegħed mill-egħżież tiegħi għaliex mingħajri jinħaqru... B'ħidmiti biss nista' nżommhom 'il bogħod mill-faqar u t-tbatija u narahom henjin fl-aħħar snin ta' ħajjithom... Aħfirli, Roża, inti ma tistax tifhem... Il-ħajja ħrafa... X'jiswa li jien ġejt mogħni min-Natura bis-setgħa li nkattar il-ġens tiegħi... X'jiswa li qalbi tixgħel bl-imħabba għal mara... X'jiswa li nkun maħbub imħabba tal-ġenn minn xbejba bla tebgħa kif tixtieq qalbi u kif dejjem ħsibtha f'moħħi? Fil-ħofra tal-faqar m'hemm ħniena għal ħadd. Ir-regħba talbnedmin firxet bħal sħaba fuq l-imsejknin li mingħajr l-ebda ħtija twieldu għerin u ntesew għax il-krib tagħhom huwa dgħajjef wisq u ma jasalx f'widnejn il-mexxejja tad-destin tagħhom... Imma dan ma jfisser xejn għalik, Roża ta' qalbi, xejn... xejn... Qatt ma jmissni ġagħaltek tħobbni. Imma ma stajtx. Int saħħartni u nessejtni t-tbatijiet li għaddejt minnhom. Int kont l-ewwel u l-aħħar hena tiegħi. Żgħożiti ntemmet fik... Jeħtieġ ngħidilha kollox... bla telf ta' żmien. Imsejkna Roża, min jaf x'sejra tħoss... Ma hemmx triq oħra... Il-lejla tintemm il-ħolma u jissokta l-imrar... Il-lejla... (*Jinfexx jibki*).

(*Mużka*)

*Habbàr*: U l-imsejken Silvju, mitluf bla sabar, b'għafsa ta' qalb liema bħalha, ilaqlaq u mfixkel mill-biki u l-ilfiq ta' Roża, għamel dak li deherlu li kien l-aħjar li jsir, dak li fi ħsiebu kien is-sewwa. Iż-żewġ żgħażagħ tagħna tgħannqu għall-aħħar darba f'did-dinja. Din il-firda kienet kiefra aktar mill-mewt. Il-mewt tifred u tnissi u tmewwet l-imħabba, din il-firda bejn żewġt iqlub li kienu għadhom ibaqbqu bl-imħabba, kattret l-imrar tal-ħajja taż-żewġ żgħażagħ tagħna u għaqqdithom aktar fil-ħsieb u ċaħħdithom mis-sabar li ġġib warajha l-mewt.

*(Mużka)*

Għaddew ftit tax-xhur. Roża, għalkemm qalbha mnikkta, għamlet kull ma setgħet biex tissabbar. Narawha mixħuta fuq sofà fis-salott tad-dar tal-familja Bellija. Qiegħda taqra ġurnal u ma' dwarha, fuq pultruna, naraw lis-Sur Ġorġ Bellija, missierha, bi ktieb f'idu qed jongħos, u lis-sinjura Tereża Bellija meħdija fid-daqq tal-pjanu. Lejla xitwija, kiesħa mudlama u msaħħba, u għalhekk Roża baqgħet id-dar u ma marritx għall-mixja tas-soltu ħdejn il-baħar fejn waqtiet kienet tħares lejn ix-xefaq bla ma tittiefes, bħal waħda qed tistenna 'l xi ħadd ġej minn fuq il-baħar.

*(Tinstama' għajta għal għarrieda u s-sinjura Tereża dlonk tieqaf mid-daqq tal-pjanu)*

*Roża* : Le! Le! *(Tinfexx tibki u tolfoq).*

*Tereża* : Roża, Roża ta' qalbi, xi ġralek? Roża, kellimni, kellimni, Roża tiegħi, Roża, Roża! Ġorġ, Ġorġ! Ġibilha xi ħaġa, ħassha ħażin. Roża, Roża, Roża tiegħi...... *(Tinfexx tibki).*

*Ġorġ* : Tereża, oqgħod kwieta; ma ġralha xejn. Hassha ħażin ħafif. Agħmel kuraġġ! Se mmur għat-tabib.

*(Jinstama' l-ilfieq u l-biki tas-Sinjura Tereża)*

*Ħabbàr* : Is-Sinjura Tereża, imgħannqa ma' bintha, ma setgħetx issib sabar. Baqgħet tibki u tolfoq għal żmien. Roża, mitlufa u sfajra, ma weġbitx għas-sejħat ta' ommha. Moħħha ma kienx qed jara ħlief il-kelmiet kiefra tal-ġurnal imdawrin b'faxx iswed :

B'tifkira għażiża
ta'
SILVJU TEWMA
għeluq ix-xahar tal-mewt tiegħu
fix-xagħri ta' l-Afrika
'l bogħod minn Art Twelidu,
minn qrabatu u dawk kollha li kien iħobb,
waqt il-qadi ta' dmirijietu
fis-servizz tas-Sultan tiegħu.
Alla jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.
Ommu u Missieru.

*(Mużka: Marċ Funebri)*

*Ħabbàr* : Il-biki u t-talb tas-Sinjura Tereża, il-għerf tat-tabib, xejn ma sewa. Roża baqgħet mitlufa minn sensiha u wara ftit jiem ruħha ttajret u kisbet il-ħelsien u l-hena ta'

dejjem; ittajret biex tissieħeb għal dejjem mal-maħbub tagħha, 'il bogħod mid-dieqa artija, mingħajr it-tfixkil tal-ġisem; ittajret għal fejn il-Faqar u t-Tbatija, il-Biki u l-Hemm, il-Qerq u l-Inġustizzja qatt ma rifsu.

*(Mużka)*

*Silvju (bilkemm jinstama')*: Roża, Roża ta' qalbi, tiegħi għal dejjem.

*Roża (bilkemm tinstama')*: Silvju, Silvju tiegħi, inħobbok...

*(Mużka)*

*TMIEM*

---

# NISEL IL-KLIEM

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 107-108, pp. 107-109)*

*BAĦRIJA*: Xorta ta' naħla li l-poplu jaħseb li ġġib aħbar tajba tan-nies imsiefra jekk tkun ta' lewn griż u aħbar ħażina jekk tkun ta' lewn iswed. Skond A. E. Caruana (Vocabolario ecc.) *il-baħrija*="vespa calabrone, la quale suol apparire in alcune stagioni ed entrare svolazzando nelle stanze delle case onde le fu dal volgo attribuito l'ufficio d'apportare notizie d'oltre mare, fauste e infauste a secondo del suo colore: donde il suo nome." Barbera jġib dil-kelma Maltija mill-Għarbi *bal-khajrija* (with goodness or happiness) imma, kif għidna, din in-naħla twassal ukoll *l-aħbar ħażina* jekk tkun sewda. Il-Professur Saydon jaħseb li ġejja mill-Għarbi *kh*abarija (news) b'metatesi ta' l-ewwel żewġ konsonanti. Dessoulavy jġibha mill-Għarbi *baħrija* ("the lady sailor" or "the Northerner" cf. Griffini p. 187).

Morfoloġikament din il-kelma hi aġġettiv relattiv femminil maħruġ minn *baħar* (sea); u għalhekk *baħrija* tissejjaħ kull ħaġa (jew bniedem) li għandha x'taqsam mal-baħar. U din in-naħla tidher li ħadet dan l-isem għax iġġib l-aħbar tan-nies imsiefra jew fuq il-baħar. Fis-Saħara hemm xorta ta' seqer "Varieté de faucon" (Beaussier) li jissejjaħ *b$^{a}$ħri*. *Baħrija* fit-tifsira tagħha Maltija, sa fejn naf jien, tinsab fil-Malti biss.

*ĊAJT*: Plural kollettiv ta' *ċajta* "a joke", mnejn noħorġu l-verb *iċċajta* "to joke". Dessoulavy jaħseb li tista' tiġi mill-

kelma Għarbija "xawt" li bl-Ingliż tfisser "race on horseback". Il-Barbera, li ma jidherx li ntebaħ li Vassalli jagħtiha wkoll fid-dizzjunarju tiegħu (1796), iġibha mill-Ingliż "to chat". Imma l-kelma Maltija ġejja mill-Isqalli *piato* u *ciaita* li ġejjin mil-Latin *placitum*. Għat-tibdil tal-konsonanti Latini *pl* fil-bidu tal-kelma f'*ċ* qabbel il-kelma Maltija-Sqallija *ċanga* mill-Latin *planca*. Pasqualino jfisser *chi*$^{a}$*ita* bħala "ciarla, favola, vanità" u *chiaitari* (qb. M. *iċċajta*) "colui che riporta novelle". L-Isqalli *cajt* li taqbel mal-Malti *ċajt* hija l-plural ta' *ciaita*, M. *ċ*$^{a}$*jta*.

*ĊAGĦAK*: Plural kollettiv ta' *ċagħka* (pebble). Dil-kelma m'għandha xejn x'taqsam mal-kelma Għarbija *zaw*$^{a}$*hq* (smooth pebble) kif ħaseb Dessoulavy. Barbera ġieb il-kelma Maltija mill-ewwel mill-Persjan "kagħka". Imma l-kelma Maltija hija l-istess kelma Sqallija *ciaca* "sassolino tondo per lo più ad uso di acciotolare". (Pasqualino). Giacomo De Gregorio fis-seba' volum ta' *Studi Glottologici Italiani* jgħid li dil-kelma semagħha Tuneż ukoll u fil-fehma tiegħu l-kelma li sema' Tuneż daħlet hemmhekk minn Sqallija.

Iżda *ċ*$^{a}$*għka* tista' tkun ukoll kelma ta' nisel Għarbi li triehdet Sqallija u mbagħad reġgħet daħlet fl-Afrika ta' Fuq. Jista' jkun ukoll li l-kelma Sqallija hija mnissla mill-ewwel mill-kelma Għarbija *kagħka* bil-konsonanti *k* *tal-bidu* mibdula f'*ċ* bħal ma dlonk jiġri fi kliem Sqalli meħud mill-Latin, fejn l-ewwel konsonanti għandha l-ħoss ta' *k*, bħal Sq. *chiara*, M. *ċ*$^{a}$*r*, mil-Latin *clarus*.

*ĦANKEN*: "To press one (against a wall etc.), to hem in"; Dal-verb Dessoulavy ma jtihx u Barbera, li lanqas fissru jgħidilna "Tale verbo manca dai dizzionari Arabi". Iżda mhux kif qal Barbera, għaliex fil-Għarbi għandna l-verb *ħarak*, li jfisser "to be filled (udder), to throng (crowd)" (Hava). U fis-Sirjan l-istess verb ifisser "serrer ou gêner (de personnes assires) en prenant place parmi elle" (Barthelemy). Biex tfisser kif fil-Malti żdiedet l-aħħar konsonanti *n* qabbel il-Malti *hewden* "to rave" ma' l-Għarbi ha*dh*a "to rave, to speak deliriously" (Hava).

(*fadal*).

# *RECENSJONIJIET*

Erin Serracino-Inglott: **IR-RAĠEL LI HADHA MAL-MEWT**
—Giov. Muscat, Malta, 1945.

Dan huwa t-tieni dramm li tana Erin Serracino-Inglott, l-ewwel wieħed wara *Rażju Vidal* li ħareġ minn dawk li għandu lesti għall-istampa. Nistgħu ngħidu wkoll li huwa żieda oħra fil-għalqa żgħira tal-palk Malti li għadu qed jistenna d-drammaturgu li jerfgħu għal dak il-livell għoli li jagħmel it-teatru tagħna tassew nazzjonali. U dan ix-xogħol ta' Serracino nilqgħuh b'tama qawwija għax juri biċ-ċar il-potenzjalità tal-Malti għall-palk meta jkun imħaddem sewwa.

Kollox ma' kollox, nistgħu ngħidu li l-ġrajja tad-dramm hija sempliċi u jista' jitqies bħala versjoni oħra tal-istorja qadima tal-ġlieda tal-bniedem mal-mewt, imżewqa bi lwien u sitwazzjonijiet tal-lum — tfakkar fil-bogħod il-ġrajja ta' Faust, imħaddma fost oħrajn fil-letteratura mill-Ingliż Marlowe u mill-kbir Tedesk Goethe, u fil-mużika minn Berlioz, Gounod u Boito. Tista' tingħad fi ftit kliem. Professur jinqala' ħafna jkun qed ifejjaq bosta nies morda b'qalbhom, u kulħadd jibda ġej għandu għall-fejqan. Il-Mewt, li dax-xogħol m'għoġobhiex, hawn tindaħal, turih li ftit baqagħlu ħajja u ġġagħlu joqgħod għall-patt li, bi tpattija talli ma jfejjaqx iktar każi diffiċli, ikun jista' jibqa' jgħix kemm jagħżel hu. Għalkemm kontra qalbu, dan il-professur ta' qalb żgħira jżomm kelmtu sakemm fl-aħħar, maqrus fil-laħam il-ħaj għax ma setax jiftiehem mal-Mewt biex tħallilu ħajja l-għarusa tiegħu, jerġa' juri ħiltu u jibda jisraq in-nies minn ħalq il-mewt. Fl-aħħar il-Mewt, taħt ix-xbieha ta' Klessidra Tewma, tidher quddiemu biex titħallas minnu talli kiser kelmtu, u hawn il-professur ikollu l-kuraġġ morali li jibqa' jiġġieled magħha bil-kliem sakemm tgħaddi tal-Mewt u jaqa' mejjet fl-art.

Kif jidher, id-dramm kollu jdur fuq Kirkob. U tabilħaqq; għalkemm fih jieħdu sehem seba' persunaġġi barra l-Mewt, dawn ftit li xejn għandhom x'jagħmlu ħlief li juru xi naħa jew oħra tal-karattru u l-personalità ta' Kirkob. L-iktar li jidher dan fil-każ ta' Blas, li bil-ġibda tiegħu lejn Kirkob juri kemm kellu natural ħelu l-professur, u t-tabib Mario Dimech li miegħu Kirkob fisser l-iktar ħsebijiet ġewwenija, minnlijin bl-esperjenza qarsa tal-ġlieda tiegħu mal-mewt. Il-Mewt (Klessidra Tewma), m'għandniex xi ngħidu, hija karattru qalil u mill-ewwel tidher li sa tirkeb 'il kulħadd, bil-ktieb tal-mewt f'idejha!

It-tliet taqsimiet tal-ġrajja tal-ktieb insibuhom imfissrin tajjeb mit-tabib Dimech meta kien qed jitkellem fuq il-Klinika Kirkob (p. 101): "Tliet żmenijiet kellha... Tal-ewwel dak tal-fama... fuq l-oħrajn kollha! Imbagħad tat-tieni: iż-żmien ta' l-ekklissi...... U issa, it-tielet żmien: mill-ġdid il-fejqan tal-morda kollha bħal qabel, iżda kull darba dak id-dell iswed ta' disgrazzji, waħda ikbar mill-oħra, li jxejnu r-rebħa tat-tabib!" Dimech ma setax ifisser għaliex kien qed isir dan, imma dik kienet it-taqbida li ftit ftit il-Mewt kienet qiegħda tirbaħ!

Għal dik li hi teknika tal-palk Serracino-Inglott jidher li jafha tajjeb. Ix-xeni jurihomlna tajjeb, iċ-ċirkostanzi mdaħħlin flokhom, l-atturi jżommhom mgħarrfin sewwa x'għandhom jagħmlu u fl-aħħar ta' kull att insibu bħal "climax" li għaliha jwasslu l-inċidenti. Jinqeda wkoll b'dik li l-Ingliżi jsejħu "dramatic irony", (paġna 61 u 97).

Fil-fehma tagħna dan id-dramm jista' jinħadem, iżjed u iżjed ladarba

hu miktub proża u bi kliem li ftit jew wisq jiftiehem minn kulħadd. Kif qal Serracino stess fil-"Kelmtejn Qabel" "...il-qarrejja jsibu f'dan id-dramm xi kliem li l-Malti ssellef minn ilsna oħra: iżda b'wiċċi minn quddiem irrid ingħid mill-ewwel li dan jien ingħoddu b'żina aktar milli b'nuqqas. Il-Malti hu dak li hu u mhux dak li kien, kif lanqas mhu dak li jrdu jagħmluh. Il-Malti jimxi maż-żmien." Dan il-kliem ta' Serracino Inglott għoġobna għax rajna li għaraf li fix-xogħlijiet tal-palk, iktar milli f'x għlijiet oħra, trid toqgħod passejn lura u ma tfittixx kliem li ma jkunx jiftiehem u għalhekk idejjaq lil min 'jisma'. Għal dak li hu kliem tal-atturi jidhrilna li m'hemmx wisq x'jingħad, ħlief xi kliem li rajnieh ma joqgħodx f'ħalq minn qiegħdu. Ma jidhrilniex li l-Professur kien sa idaħħal kliem u espressjonijiet bħal dawn f'diskorsu: tinbixhiex u *tmaqqathiex* magħha (p. 108), *bir-reġgħa ta' sikwit* (p. 102). Insibu wkoll xi idjomi li mhum'ex eżatti, bħal *nagħtik ħajr* flok *niżżik ħajr*, *il-qiegħa kesħet* li mhix tal-poplu, li jgħid biss *il-qiegħa saħnet*. Dawn, biex nistqarru s-sewwa, huma ftit. Imma ma nistgħux ngħidu l-istess għall-kliem li nsibu fid-direzzjonijiet lill-atturi, għax dawn mhuma xejn mexxejja u jtaqqlu l-ktieb meta tkun taqrah. Insemmu xi ftit minnhom. Niltaqgħu ma' *jiftaqad il-marid* (p. 13), *kiebi* (p. 27), *jitlaġġa fil-kliem* (p. 37) *ħaġ u bis-sedqa* (p. 39), *qluqi* (p. 41 u 106) *jinġila fil-kliem* (p. 98), *tiżġiġ ta' tarka tilqa'* (p. 124), *ilħiħ* (p. 96) u oħrajn. Dawn huma ftit minn dawk li niltaqgħu magħhom fil-ktieb, għalkemm huma inqas milli qrajna fir-*Razju Vidal*. Fil-fehma tagħna bejn wieħed u ieħor, fil-kitba għall-palk għandna niftakru li l-ilsien mhux biss il-kliem waħda waħda, imma r-rabta ta' ħafna kliem bejniethom f'espressjonijiet jew għidut tal-poplu li tħassru jekk tbiddlu jew titbiegħed minnu. U hawn Serracina Inglott naqas ftit.

Imma r-Raġel li baqa' joħodha mal-Mewt sal-aħħar fid-dawl baxx li beda ftit ftit jintefa, tilef. Tilef, u baqa' biss il-ktieb tiegħu, li nittamaw għad jinħadem fuq il-palk u jkollu s-suċċess li ħaqqu.

Sadattant lil Serracino-Inglott nagħmlulu l-qalb biex jikteb drammi iktar bil-Malti, għall-ġieh ta' ismu u ta' l-ilsien Malti.

Ġ. C. P.

**TAĦRIĠ GĦALL-EŻAMIJIET**—Vic. Apap—Malta, A. C. Aquilina & Co., 1945, pp. 44.

Mill-isem dan id-daqsxejn ta' ktieb juri x'inhu l-iskop tiegħu. Inkiteb biex igħin lill-istudenti għalbiex iħejju ruħhom għall-eżamijiet. Imma mhux għall-eżamijiet kollha: għax kull ma fih huma tliet xorta ta' taħriġ, jiġifieri mistoqsijiet fuq il-grammatika, traduzzjoni mill-Ingliż u suġġetti għall-komponimenti. Tliet xorta biss, imma mdaħħlin hekk tajjeb f'kull faċċata li min ikun sa jersaq għal xi eżami kompetitiv mal-Gvern għandu għaliex iqawwi qalbu wara li jkun għaddieh u ħadmu kollu. Il-ħtieġa ta' ktieb bħal dan kienet ilha tinħass għax kull student kien igħid li jmissu hawn ktieb li jkun fih mera ta' mistoqsijiet bħal dawk li jingħataw fl-eżamijiet. U għal dawk li huma eżamijiet tal-Gvern dan il-ktieb mela l-vojt kollu.

Dan qed ingħiduh mhux biex inkunu għedna xi ħaġa. Ingħiduh għax qed niftakru fil-ħafna studenti li għadhom kemm resqu għaż-żewġ eżamijiet tas-Civil (Klassi għolja u mhijiex) u li tista' tgħid kollha sabu l-għajnuna li xtaqu f'dan il-ktieb tat-taħriġ.

Ġ. C. P.

**MILL-GALLERIJA TA' ŻGHOŻITI** — Damma ta' poeżiji — Anton Buttigieg—Lux Press.

Waqt li kont qed naqra l-poeziji ta' Dr. Buttigieg, stħajjiltni qed nara l-poeta bil-qiegħda ġo xi ġnien jew għaddej qalb il-kampanja, fost il-fwieħa tal-ward, l-għana tal-għasafar u l-infiħ tar-riħ, jikteb dawk il-għanjiet miġbura f'"Mill-Gallerija ta' Żgħożiti". Fihom sibt personalità qawwija li torbothom flimkien u ttihom bixra għalihom. Fihom hemm sinċerità, qawwa ta' ispirazzjoni, sengħa ta' mgħallem, tliet għeliem li jaqtgħu 'l Buttigieg minn kull kittieb ieħor.

L-għajn ta' l-ispirazzjoni ta' dan il-poeta ħierġa kollha kemm hi mill-ħolqien:—

Il-għanja tiegħi bomblu
bid-diwi jbaqbaq fih
ta' siġar, ta' għasafar,
ta' xita, mewġ u riħ.
Il-għanja tiegħi tazza
mimlija min-nixxiegħa
tal-ferħ li ssaqqi u tkabbar
il-ħlejjaq fir-rebbiegħa.

Ma ssibx għanja fil-ktieb kollu li fiha ma tidħolx xi kelma, xi kwadru, xi tifkira mill-ħolqien. Hawnhekk jidhirli li qiegħed is-sies tal-poeżija ta' Buttigieg. Madwar din l-imħabba mġenna għall-ġmiel tal-ħolqien hemm miġbura u mfissra s-sentimenti kollha tal-poeta. F'"Wied Qirda" isib il-hena tal-Milied, bil-pepprin jitpaxxa f'soddtu waħdu filgħaxija:

U jien ġo soddti dlonk bdejt ngħum, nitbaħrad
ġo baħar ta' pepprin, baħar ta' ġid,
ferħan li pepprin nista' ta' kull ħlewwa
naħtaf u naqta' kemm u x'ħin irrid.

Fid-dwejjaq, fin-niket ifittex is-sliem mhux fil-ġiri 'l hemm u 'l hawn fl-ibliet qalb in-nies, iżda

Ħa tiġi l-fewġa bil-ħaxix imfewħa
xagħri tħabbilli u ttellgħali 'l fuq
u l-qtar ta' l-ilma baħar wiċċi jreżżaħ
bil-bewsa kiesħa ta' benna li ttuq.

Eżempji bħal dawn issib kemm trid.

Niltaqgħu wkoll ma' "Għanjiet Miġnuna" li bihom il-poeta nqeda biex joqros xi ftit fil-laħam il-ħaj. Hekk fil-poeżija "Meta", insibu ħafna idejiet strambi sakemm fl-aħħar strofa nħossu d-daqqa tal-martell nieżla:

"Meta l-wegħda tal-miżżewġa
tibqa' sħiħa, mingħajr qerq,
meta n-nies jixtru u jbiegħu
kif hu xieraq mingħajr serq;
Ibża' ftit, għax din il-kewkba
minn max-xemx tkun sa tinferaq,
u ġod dlam tkun sa tiġġarraf
qalb ir-ragħ'd, in-nar u l-beraq!"

Din ix-xorta ta' "Għanjiet Miġnuna" ftit għandna bil-Malti, għalhekk il-poeta jistħoqqlu tifħir doppju.

Barra s-sempliċità, is-sinċerità u qawwa ta' lehma Buttigieg għandu l-ħila jħaddem vrusu bil-għaqal. Versi ħfief, kliem mexxej f'fomm kulħadd (biex ngħid hekk xi mindaqqiet iżżejjed bħall-ke'm'et **bomblu, gallerija** u oħrajn li ngħid għalija ma tantx daqqewli); kwadri ħajja li jibqgħu mwaħħla f'moħħok għal bosta żmien bħal dak ta' "Ħinijiet ta' Poeżija."

> Apollo kien fit-tmiem, u d-disa' Mużi
> kellhom moqdief kull waħda, u fuq il-pruwa
> jien kont inħoss is-seħer deħel fija taż-żiffa bnina.

jew dak tal-Palma mdawwra bl-istefanotis:—

> Bl-istefanotis abjad maz-zokk oħxon.
> kont qiesek il-fawwara li fil-għoli
> tfawwar b'sura ta' warda u tinżel 'l isfel qisha ċarċara.

Għandu ħabta oħra biex jaħsdek bħal fil-poeżija "L-Imrieħel", li wara li jiddeskrivi fi tliet strofi merħla ngħaġ, taħt il-ħarsien tar-ragħaj, il-poeta jitfa' ħarstu lejn is-sema u jissokta:

> "Fid-dalma ta' bil-lejl hemm merħla kwiekeb,
> fl-egħlieqi tas-smewwiet tirgħa d-dawl ħaj,
> iżda dil-merħla timraħ waħdanija:
> ir-Ragħaj ma jidher qatt: tgħid m'għandhiex Ragħaj?

Hasdiet bħal dawn huma daqshekk kotrana li flok "gallerija ta' żogħżiti". il-ktieb iktar jixraqlu l-isem ta' "Hasdiet il-Gmiel."

Nittamaw li Buttigieg jissokta jikteb u jtina għana ogħla mi'li tana, iżda moħjija mill-istess spirtu ta' sempliċità u mħabba lejn il-ħolqien, ħierġa minn qalb imderrħa għal kull ma hu kbir u sabiħ.

K. SANT.

**TAĦRIĠ FL-ILSIEN MALTI**—Minn Karm. Fenech.—Lux Press. 1945.

Dan hu ktieb li l-istudent Malti kien ilu jixtieq f'idejh. Il-ħtieġa tiegħu bdiet tinħass sa minn snin ilu meta l-Malti beda jikber għala lsien miktub u jidħol fl-iskejjel u fl-eżamiiiet. Hu gwida, biex ingħidu hekk, għat-tħejjija ta' l-eżamijiet għoljin tal-Malti. L-istess kif qal it-Tabib Ġuże Galea, fil-"Kelmtejn Qabel", "dan il-ktieb ma jeħux post il-kotba l-oħra tal-grammatka iżda, biex ingħid hekk, iwettaq l-iskop tagħhom għax iservi bħala taħriġ ta' dak li tgħallem il-grammatka." Haġa naturali, dan il-ktieb fih innifsu mhuwiex grammatka, imma qiegħed biex iħarreġ lill-istudent fl-istudji tal-lsien Malti, fil-grammatka Maltija, u fi stil letterarju bil-Malti. Din il-biċċa xogħol sabiħa, mixtieqa u meħtieġa, is-Sur Karm Fenech sejjisha fuq l-esperjenza li hu kiseb bħala surmast tal-Malti l-Liċeo.

L-Awtur stess qalilna fid-"Daħla" tal-ktieb illi "dal-ktejjeb kellu jkun fih tliet taqsimiet, jiġifieri mistoqsijiet fuq 1) Grammatka; 2) Ilsien; 3) Awturi .L-aħħar taqsima billi l-ktieb kellu jara d-dawl ta' malajr ħtieġli nħalliha barra". Lis-Sur Fenech hawnhekk nixtiequ nissuġġerulu illi x-xogħol kollu li hu għamel ta' taħriġ fuq l-Awturi ma jibqax ma jarax id-dawl. Jagħmel mill-aħjar biex jiġbru fi ktieb għalih, li għandu jkun ta' tagħlim u ta' għajnuna mhux żgħira għal dawk li jkunu ser jersqu għall-Matrikola u wkoll għall-istudenti stess ta' l-Università.

Ġ. C.

**BRITAIN TO-DAY**—University Press, Oxford—(Mibgħut lil din ir-Rivista mid-Direttur tal-*British Institute*, Valletta).

Dan huwa l-isem ta' rivista li joħroġ il-"British Council" u li tagħha waslulna tliet numri, ta' Mejju, ta' Ġunju u ta' Lulju. Perjodiku b'artikoli tajbin mhux biss għall-materjal li fihom imma wkoll għax miktubin bis-sengħa b'Ingliż mill-aħjar.

Fost artikoli oħra l-iktar li laqtuna: fin-numru ta' Mejju *The Short Story in England*, ta' Elizabeth Bowen, li f'ħames faċċati u nofs uriet ċar l-iżvilupp ta' din ix-xorta ta' kitba minn żmien Kipling fl-aħħar tas-seklu Dsatax sa l-ewwel "short stories" moderni fuq Londra ibblizzjata; ieħor interessanti ħafna huwa *The Idea of a University*, ta' Sir Charles Grant Robertson fejn il-kittieb fisser sewwa l-atmosfera ta' studju ħieles u ta' tiftix xjentifiku li titnissel mill-Universitajiet li jagħtu interpretazzjoni tal-ħajja li nbniet mal-mogħdija ta' mijiet ta' snin. Insibu wkoll li l-Gvern Ingliż beħsiebu jagħti s-somma ta' aktar minn ħames miljuni lira biex igħin l-Universitajiet. Fuq kollox, imma, Università ma jridx ikollha xkiel u kontroll minngħand ħadd: "...*the British mind is convinced that a University can only achieve its purpose by working in a free air, with an unqualified right to learn, teach, and find truth, as best it may.*"

Mill-ħarġa ta' Ġunju laqatna l-artikolu *The Education Act in Being*, ta' Dr. W. P. Alexander fejn naraw kif din l-*Act* ġdida tal-1944 sa tmiss l-għadd tal-għalliema Ingliżi, il-għoti ta' *Scholarships* lil studenti aktar, il-progress fis-Servizz Mediku fl-iskejjel, eċċ. Min-numru ta' Lulju nsemmu l-artikolu fuq il-"P.E.N." ta' Hermon Ould, dik il-għaqda bejn il-kittieba tad-dinja li tagħha kien l-ewwel president John Galsworthy, u l-ieħor *The English as I find them*" ta' Ranjee G. Shahani, Indjan, artikolu miktub tajjeb ħafna u mingħajr ebda passjoni, li jispiċċa hekk: *Had I not the honour to be an Indian, I should like to be English. Happily I can be the citizen of both countries at the same time.*" Idea sabiħa, li jmissha timxi aktar hawn Malta, fejn kien fisser l-istess ħsieb il-Prof. G. Aquilina fil-*lecture* tiegħu fil-*British Institute* li jismu *Planning an Anglo-Maltese Culture*.

G. C. P.

## LILL-IMSEĦBIN TAGĦNA

Ngħarrfu lill-Imseħbin li għadhom ma ħallsux biex jibagħtu 2s. 6d., il-ħlas tat-tisħib għas-sena 1945, lis-Sur D. F. Gulia L.P., 11, Ħal Mula Road—Żebbuġ.